
MONS SION
IN JERUSAL

Sura Tad-Duluri
Imsemmija
"L-Omm Tal-Għeġubijiet"
Li Tinsab Fuq L-Artal
Fil-Kappella Tal-Kalvarju
Ġewwa L-Belt
Ta' Ġerusalem.



Ir-Raba' Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1958 | Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.




# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Ir-Raba' Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1918 | Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Ma għandekx għal fejn tistagħġeb (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 65

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Kif waslu għandna l-Kotba Mqaddsa (P. Serafin M. Zarb, O.P.) ... ... 66
Iż-Żwieġ f'Ċipru (P. Ubertinu Berti, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 68
Kliem meħud b'ieħor fl-Evanġelju (Ben Jeħuża) ... ... ... ... ... ... 70
Is-Salib Imqaddes (P. Valentin, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... ... 72
Il-Qumran u l-Insara (D. K. Sant) ... ... ... ... ... ... ... ... 75

It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Is-Sinedriju (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 79
It-Tabor u l-Knisja tas-Salvatur (Fra Żarenu, O.F.M.) ... ... ... ... 81
L-Iskola ta' Għajn Karem (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 84
Santa Marija f'Ġerusalem (Fra Elija) ... ... ... ... ... ... ... 89
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 93
Il-Kredu bil-Palestin u bil-Malti ... ... ... ... ... ... ... ... 95
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# MA GĦANDEKX GĦAL FEJN TISTAGĦĠEB

*Jekk tħoss ix-xewqa li tkun Nisrani tajjeb, li tgħix ħajtek fuq it-tagħlim ta' Kristu, ħejji ruħek għal kull xorta ta' moħqrija. Jekk trid tkun Nisrani biex in-nies ifaħħruk, bħal ma jagħmlu l-ipokriti, ara kif tagħmel u biddel il-fehma tiegħek. Ara kif tagħmel biex il-foħrija tiksibha minn xi ħaġa oħra. Għax għal min jimxi wara Kristu, foħrija fid-dinja ma tinsabx.*

*Għax din id-dinja hija l-pajjiż tax-xitan. Hija d-dar ta' l-għadu l-kbir ta' Kristu. Hija l-egħmara ta' Wlied id-dlam, li ma jridux magħhom lil ħadd minn Ulied id-dawl, li bid-dawl tiegħu jġiegħel li jidher il-egħmil ħażin tagħhom.*

*Kemm ikun maħqur u mfittex għal mewt ġurdien ġewwa d-dar ta' xi ħadd għani. Kemm jonsbulu nases, kemm ixerrdulu fir-rkejjen qamħ bissemm, kemm isoddulu minn fejn jidħol. Għaliex? Għax il-ġurdien ma jagħmelx għajr ħsara. Inaqqar l-ikel tas-sid, u minn fuq jidħollu fil-kxaxen u jqattagħlu ħwejġu. Hekk tagħmillu inti lix-xitan jekk tagħti ruħek għattemma tax-xogħol ta' Ġesù Kristu. Tgħix f'did-dinja, dar ix-xitan, u minn fuq tagħmillu l-ħsara.*

*Ħejji ruħek, mela, biex tkun maħqur, immaqdar, imfisser ħażin, u mgħoddi minn kull xorta ta' tbatija. U ta' dan kollu MA GĦANDEKX GĦAL FEJN TISTAGĦĠEB. Tistagħġeb għal fejn, jekk Ġesù n-nifsu ma' tul ħajtu dana stqarru kemm il-darba?*

*Ix-xitan, malli jxommok li ma tridx timxi miegħu, jagħmel għalik. Iġarrbek b'kull xorta ta' tiġrib: biż-żgħil u bil-moħqrija. Iġarrbek huwa n-nifsu u jġiegħel li jġarrbuk il-qaddejja tiegħu.*

*Imma inti, jekk tħoss ruħek wieħed mill-imsejħin, agħmel il-qalb. Ma għandekx għal fejn tibża'. Istħajjlek li tinsab waħdek, ġewwa dgħajsa, mitluf, fid-dlam, f'taqliba baħar. Żomm tajjeb għajnejk fuq il-Kewkba u idejk fuq it-tmun.*

*Ġesù qal lill-ipokriti ta' żmienu: "Liema wieħed min-nies it-tajba, li nieskom ma ħaqruhx?" U qal lill-Ixirka tiegħu: "Imberkin intom, meta nnies jaħqrukom, jigdbu fuqkom u jisħtu isimkom. Ifirħu u thennew għax il-ħlas tagħkom ikun kbir fis-sema!"*

*Hemm mela, għandu jkun ħsiebek: ħsiebek dejjem fis-sema. Il-ħajja ta' did-dinja qasira. Tħabbelx rasek fuq li jagħmlulek l-ipokriti u l-ħajnin. Dal-waqt jgħaddi kollox. Ħsiebek dejjem f'dak l-Imgħallem, li ħatrek u li ħtart, li f'did-dinja, id-dar tax-xitan, ġarrab wisq aktar minnek. T'iex trid titħallas jekk ma tbatix bix-xogħol?*

*Agħmel il-qalb, mela! Aħfen f'idejk is-sejf u t-tarka u aqbeż fl-arena. Ilqa' u aqla' u agħti! Ħaġa waħda tagħmilx: ara li ma tħaresx lura! Ara li ma titħajjarx taħrab! Hemm biss tkun it-telfa tiegħek. Tittamax rebħa u tibqa' ħaj, għax jekk tibqa' ħaj, għad tista' titlef. Bħala Mgħallmek, irrebħa tiegħek tkun fil-mewt. Itqabad max-xitan u tajfietu sa kemm joqtluk. Mut bis-sejf maħfun f'idek. Għax il-mewt fil-ġlieda, biss, u xejn għajrha, hija l-vera vittorja.*

ID-DIREZZJONI.

# KIF WASLU GĦANDNA L-KOTBA MQADDSA

Wara li rajna kif kienet magħmula l-ġabra tal-Kotba Mqaddsa, jew il-Bibbja; jew aħjar, wara li rajna l-ġrajja tal-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Qadim u dik tal-kotba tat-Testment il-Ġdid, kif il-kotba tal-Profeti u l-kotba tal-Appostli kienu miġburin fi ktieb wieħed u magħrufin bħala kotba li ġejjin minn Alla, li nqeda bil-ħidma tal-Profeti u tal-Appostli sabiex jagħtina bil-miktub it-tagħlim u r-rieda Tiegħu; wieħed jista' jsaqsi kif dawn il-kotba magħmulin minn ħafna nies, f'ħafna artijiet, fi żmenijiet magħżula, waslu f'idejna? Għandna aħna tas-sew dak li kitbu l-Profeti u l-Appostli?

Il-Bibbja hija l-ktieb l-aktar imxerred mad-dinja fost il-kotba kollha. Ftit huma l-ilsna li ma għandhomx il-Bibbja; anzi, il-Bibbja, u l-aktar il-kotba tat-Testment il-Ġdid, huma f'ħafna ilsna l-kotba l-aktar qodma li jinsabu f'dak il-lsien, u għal hekk huma test ta' dik il-lingwa. Kbira hija l-hemma tal-Bibbja fil-ġrajja ta' ħafna ilsna, għaliex kienet il-Bibbja li sawret ħafna mill-ilsna.

Għad li l-Bibbja hija hekk imxerrda ma' kull imkien, u maqluba f'ħafna ilsna, jekk wieħed iqabbel dawn il-ħafna traduzzjonijiet tal-Bibbja ma' xulxin, ma jistax ma jistagħġibx meta jara li t-test tal-Bibbja jinsab f'kull traduzjoni dejjem xorta waħda, jiġifieri li ma hemmx għażliet kbar, għażliet li jmissu d-domma. Ftit u ftit wisq huma dawk it-testi li ma jaqblux ma' xulxin, u li għandhom importanza dottrinali. Il-għażliet li jinsabu fost it-testi ewlenija u t-traduzzjonijiet huma x'aktarx dejjem fuq ħwejjeġ li m'humiex dottrinali, u għal hekk nistgħu bla biża' ngħidu li l-Bibbja li ġiet f'idejna **sostanzjalment** f'għamla waħda, u li ma hemmx bejn it-testi ewlenija u t-traduzzjonijiet tal-Bibbja ħlief għażliet ż g ħ a r u aċċidentali. U sabiex wieħed jifhem dan li qegħdin ngħidu, sejrin il-lum nitħaddtu fuq it-testi ewlenija jew **oriġinali** tal-Bibbja, u naraw kif dawn it-testi jaqblu qishom f'kollox ma' xulxin.

It-testi **oriġinali** tat-Testment il-Qadim, kienu kollha bil-Lhudi: Xi taqsimiet mill-ktieb tal-Profeta Danjeli u mill-ktieb ta' Ester, l-ewwel ktieb tal-Makkabej u x'uħud mill-kotba l-oħra Dewtrokanonki, kienu miktubin bl-Aramajk; u l-ktieb tal-Għerf (Sapjenza) u t-tieni ktieb tal-Makkabej kienu miktubin bil-Grieg. Dawn il-kotba tat-Testment il-Qadim, ma kienux miġbura flimkien mill-ewwel, imma wara ħafna żmien, u kienu miġburin fi tliet taqsimiet: il-Liġi, jew il-Ħames Kotba ta' Mosè, il-Pentatewku; il-Profeti jew il-kotba ta' Gozwè, tal-Imħallfin, ta' Samweli u tas-Slaten, Iżaija, Ġeremija, Eżekjeli u t-Tnax-il Profeta ż-Żgħar u fl-aħħar, l-Agjografi: is-Salmi, Ġob, il-Proverbi, Rut, Ekklesjaste, il-Għanja tal-Għanjiet, Ester u l-Lamentazjonijiet, Danjeli, Paralipomeni, Esdra, u Nehemija. Ma nistgħux ngħidu sewwa meta dawn it-tliet għaqdiet ta' kotba kienu magħmula; imma nafu li ma sarux fi żmien wieħed. Meta l-Liġi kienet maqluba fil-Grieg, fit-tielet seklu qabel Kristu, aktarx li t-tieni ġabra, dik tal-Profeti, kienet għadha ma saretx, għaliex kieku kienet saret, kienet tkun maqluba fil-Grieg ukoll; u meta saret it-traduzzjoni fil-Grieg tal-ktieb tal-Ekklesjastku, fit-

tieni seklu qabel Kristu, dak li qalbu fil-Grieg, in-neputi tal-awtur, fil-Prolgu li ħallielna, jitħaddet fuq l-ewwel ġabra, fuq il-Liġi, fuq it-tieni ġabra, fuq il-Profeti, imma t-tielet ġabra kienet għadha ma saretx, għaliex isemmi biss: "u l-kotba l-oħra". Nistgħu għalhekk ngħidu li l-ġabra tal-kotba tat-Testment il-Qadim saret għal ħabta taż-żmien ta' sidna Ġesù Kristu, u kienet ħidma tal-Fariżej, li m'hux biss għażlu liema kienu l-Kotba Mqaddsa, u liema ma kienux, imma wkoll għażlu test wieħed, u dawk it-testi li ma kienux jaqblu miegħu, kienu mwarrbin.

Xejn minn dak li ħareġ minn idejn il-Profeti ma wasal f'idejna, u t-test l-aktar qadim li fih il-Kotba Mqaddsa kollha bil-Lhudi, huwa dak ta' Leningrad, (Codex Petropolitanus, B 19 a) li kien miktub fis-sena 1009 minn Samwel Ben Jakob. Hemm ħafna Kodiċi oħra li fihom din jew dik it-taqsima tat-Testment il-Qadim bil-Lhudi, imma l-ebda wieħed ma hu eqdem mis-seklu għaxra. Ftit ħafna huma l-biċċiet ta' xi kotba li jaslu sas-seklu disgħa jew tmienja. F'dawn id-dokumenti nsibu dejjem l-istess test, dak li hu magħruf bl-isem ta' Massora. F'dawn l-aħħar snin insabu xi biċċiet mill-Kotba Mqaddsa ta' hemma jew **importanza** żgħira, bħal ma hu l-papiru **Nash,** miktub għal ħabta ta' nofs it-tieni seklu u jinsab il-lum fl-Università ta' Cambridge. Fih 24 vers, meħudin mill-ktieb tal-Esodu, XX, 2-17 u tad-Dewtronomju, VI, 4-5, il-Kmandamenti t'Alla, u jaqbel ħafna mat-traduzzjoni Lixandrina. Ta' hemma wisq aktar kbira huma d-dokumenti tal-Baħar Mejjet, li nsabu f'dawn l-aħħar għaxar snin. Qishom il-kotba kollha tal-Bibbja Lhudija, għall-anqas bċejjeċ minn kull ktieb, kienu misjuba, u fosthom hemm ukoll il-kotba tal-Makkabej, ktieb il-Għerf, l-Eklesjastku u Danjeli. Billi dawn id-dokumenti għad ma kienux studjati sewwa u mxandrin, ma nistgħux ngħidu għall-issa s-siwi kbir tagħhom għall-kritka testwali tal-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Qadim. Imma ma għandna l-ebda dubju li meta jkunu mxandrin, ikunu ta' hemma kbira għal kustjonijiet kollha li jmissu l-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Qadim. Dawn il-kotba aktarx li juru test aktar qadim minn dak tal-Massora, li aktarx jaqbel mat-traduzjoni Griega Lixandrina; jekk ma fihomx it-test tal-kittieba li fuqu ħadmu l-Għorrief tal-Massora, u jekk inhu hekk, dawn id-dokumenti jkollhom importanza tas-sew kbira.

Minn dan kollu li għedna, wieħed jista' malajr jifhem li l-Bibbja Lhudija ma hix l-eqdem test li għandna. Il-Pentatewku Samaritan, il-verżjoni Griega Lixandrina, it-Talmud tal-Lhud, kif ukoll it-traduzzjonijiet Sirjaka, Latina u oħrajn, huma aktar qodma mit-test Lhudi tal-Massora li bih ninqdew il-lum. Iżda ta' min jgħid ukoll li dan it-test tal-Massora jaqbel ħafna mat-test tal-Pentatewku Samaritan, kif ukoll mat-test li fuqu kienu magħmulin it-traduzzjonijiet qodma, il-Griega Lixandrina, is-Sirjaka u l-Latina, kif ukoll mat-Talmud tal-Lhud, u għal hekk jagħtina tiġriba l-aktar diehra li aħna nsibu l-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Qadim f'għamla tas-sew ġenwina fit-test tal-Massora kif ukoll fit-traduzjonijonijiet qodma, bħal ma hi dik ta' Lixandra, tas-Sirja, kif ukoll it-traduzjonijiet Latini u oħrajn.

It-test oriġinali tat-Testment il-Ġdid hu magfiħruf wisq aħjar minn dak tat-Testment il-Qadim. Il-kotba kollha tat-Testment il-Ġdid kienu miktubin mill-ewwel bil-Grieg. Dak ta' San Mattew li kien miktub l-ewwel bl-Aramajk, kien malajr maqlub bil-Grieg, u t-test Aramajk intilef u ma ssemma qatt iżjed.

Għad li l-ebda biċċa minn dawn il-kotba kif ħarġu minn idejn l-Appostli ma kienet ikkonservata, iżda fis-seklu erbgħa, jiġifieri tliet sekli wara l-mewt tal-Appostli, aħna nsibu kodiċi li fihom il-kotba kollha tat-Testment il-Ġdid: minn fuq, insibu wkoll ħafna dokumenti, l-aktar papiri, li fihom biċċiet mill-kotba tat-Testment il-Ġdid li huma tas-seklu tlieta u x'uħud ukoll tat-tieni seklu. Għal hekk nistgħu ngħidu li t-tradizzjoni manuskritta tal-kotba tat-Testment il-Ġdid hija qisha bla qtugħ sa minn żmien l-Appostli.

Il-kotba tat-Testment il-Ġdid tkattru bil-bosta u kienu wkoll malajr maqlubin f'ilsna oħra. L-istudju ta' dawn id-dokumenti juri li l-kotba ma kienux biss imfissrin f'ilsna oħra, imma fis insibu li kienu spjegati billi kienu miżjudin b'ħafna aħbarijiet oħra, meħuda mill-priedki tal-Appostli jew minn xi għidut ieħor ta' nies magħrufin li kienu ma' Ġesù. Oħrajn, aktarx biex ineħħu d-diffikultajiet li kienu jinsabu, l-aktar fl-Evanġelji, għaliex donnhom m'hux dejjem jaqblu ma' xulxin, fettxew li jżidu f'wieħed mill-Vanġeli dak li kien jonqos minn Vanġelu ieħor. Barra minn hekk, fil-knisja tas-Surija, Tazjanu għaqqad l-Erba' Vanġeli f'Vanġelu wieħed, u dan it-test għal żmien twil kien jinqara fil-knejjes tas-Surija flok il-Vanġeli tal-Appostli.

Għal dawn ir-raġunijiet ġara li t-test tal-kotba tat-Testment il-Ġdid tbiegħed xi ftit minn dak l-oriġinali tal-Appostli, u l-lum l-għorrief jgħidulna li fl-aħħar tat-tieni seklu wieħed jista' jara tliet testi differenti tal-kotba tat-Testment il-Ġdid: iżda malajr l-insara fettxew li jerġgħu jagħtu lil kotba tal-Għaqda l-Ġdida dik il-għamla li kienu tawhom l-Appostli. Il-kritka testwali tal-kotba tat-Testment il-Ġdid hija ta' nteress kbir, imma ma nistgħux infissru birreqqa kollha kif l-għorrief waslu biex jerġgħu jsibu t-test ġenwin tal-kitba tal-Appostli. Hija fehma ta' kull ħadd il-lum li aktar mis-seba' parti fuq tmienja tat-test tal-Kotba tat-Testment il-Ġdid hija ġenwina u ma hemm ebda dubju li aħna għandna f'idejna l-kotba tal-Appostli, m'hux biss sostanzjalment, imma wkoll f'ħafna mill-irqaqat tagħhom, sewwa sew kif ħarġu minn idejn l-Appostli.

P. SERAFIN M. ZARB O.P.

# IŻ-ŻWIEĠ F'ĊIPRU

Il-Gżira ta' Ċipru miżgħuda bit-tifkiriet tal-antik, u kull fejn tmur tara fiha l-fdal tal-għewejjed tan-nies tal-imgħoddi. Billi dil-gżira għandha storja twila, il-ħajja tar-raħlin tagħha fiha x' tara u tisma' wisq.

Fuq iż-żewġ naħat ta' wied, kollu siġar taż-żebbuġ, tal-ħarrub u qasab, jinsab raħal mifrux. Il-wied li jgħaddi min-nofsu bħal issa niexef, għax is-sajf, għal hekk is-sħana nixxfitu, u siket il-ħoss tat-tgedwid tal-ilma ġieri. Imma minn hin għal hin jistama' t-tħaxwix tal-weraq tas-siġar, li jċaqlaq ir-riħ hu u għaddej minn bejniethom. In-nies tar-raħal ġejjin u sejrin, bla ħsieb, u s-sliema ssaltan fuq id-djar imxerrda ta' dak ir-raħal maqtugħ għalih waħdu. F'ħanut, bil-bieb għat-triq, jidhru r-rġiel raħlin, lebsin is-srawan wesgħin, marbutin f'għakset saqajhom. Qegħdin quddiem l-imwejjed, jitħaddtu fuq ix-xogħol tagħhom jew fuq il-pulitka ta' dik il-gżira. Imma ma jurux ħeġġa fit-taħdit ħlief meta l-kliem jaqa' fuq xi difna jew fuq xi tieġ.

It-tħejjejiet għat-tieġ jibdew malli jsir il-ftehim tal-għerusija bejn omm u missier l-għarajjes. Malli jsir il-ftehim bejn dawna, ikunu mgħarrfa bih il-għarajjes, li qishom dejjem joqogħdu għarrieda ta' missierhom. Malli dan, missier u omm il-għarusa, jibdew jaħsbu għal-ġież u għal bini ta' dar għal binthom u għax-xiri tal-egħmara. Il-għamla tad-dar u x-xorta ta' egħmara jkunu ftiehmu fuqhom qabel il-għerusija.

Issir ir-rabta, billi jitlaqqgħu l-għarajjes u jistiednu lill-qassis li jiġi jbierek il-ħwietem tagħhom li mbagħad jibdluhom ma' ta' xulxin. Dik inhar jagħmlu mejda li għaliha missier u omm l-għarajjes jistiednu l-qraba u 'l ħbieb, u jagħmlu għors sabiħ.

It-tħejjija għal ħafla jew "ċerimonja" tat-tieġ, tibda ssir minn ġimgħa qabel. L-ewwel jinkera daqqaq tal-"lawtaris" (ikun donnu mandolina), imbagħad in-nisa tar-raħal li ma jkollhom wisq x'jagħmlu, li aktarx li jkunu ħafna, jinġabru f'dar omm il-għarusa u jħejju l-għaġina, ħobż u ftajjar u ikel ieħor li jkun meħtieġ għal mejda ta' nhar it-tieġ. It-tieġ isir dejjem nhar ta' Ħadd u dejjem il-knisja, għax il-liġi tal-knisja ta' hemm titlob li jsir hekk. Nhar il-Ġimgħa ta' qabel it-tieġ issir żifna, għal hekk jibgħatu għad-daqqaq biex jiġi jdoqq il-"lawtaris", ġewwa sala kbira li fiha jkunu miġmugħa għażżifna, nisa u rġiel. Dari kienu jiżfnu rġiel għalihom u nisa għalihom, imma daż-żmien qegħdin jiżfnu irġiel u nisa flimkien.

Nhar is-Sibt wara nofs inhar issir dik li jgħidulha l-"firxa tas-sodda". Jiġi l-qassis ibierek is-sodda li fuqha jkollhom jorqdu l-ewwel lejla l-għarajjes wara t-tieġ. Wara l-barka, mara miżżewġa taqbad il-mitraħ, u, bħalli kieku kien bniedem taqbad tiżfen miegħu u ddur mad-dar. Din iż-żifna trid issir dejjem minn mara miżżewġa; jekk ma tkunx miżżewġa, ma tistax tagħmel dan.. Wara ż-żifna n-nisa jmiddu l-mitraħ fuq ħasira ġdida; joftquh u joħorġu minnu s-suf li jkun fih, ifarfruh u jgħażluh tajjeb bejn is-swaba. Meta s-suf ikun magħżul, imfettaħ, imlaħlaħ u artab sew, jerġgħu jdaħħluh fil-mitraħ u jqassmuh f'erba' naħat, għamla ta' salib. Huma u jagħmlu dan, in-nisa, jaqbdu jgħannu għana ta' swied ilqalb. Wara li s-suf ikun imqassam hekk, in-nisa jxerrdu fuqu frajja' ta' nagħniegħ, ta' merdqux, ta' ħabaq, ta' riħan u weraq tar-rand u ħaxix ifuħ, qabel ma jibdew jerġgħu jħituh. Huma u jħituh, jifirxu fuqu maktur li fih innies li jkunu hemm jixħtu flus tal-fidda, għax tar-ram ma jriduhomx. Innisa mbagħad jiġbru dawk il-flus u jsorruhom fil-maktur u jħituhom f'ras il-mitraħ fejn iqegħdu l-imħaded ilgħarajjes.

Malli l-mitraħ ikun meħjut, l-aktar tliet nisa miżżewġa mġissma li jkunu hemm, jiġu minn rajhom biex jaqbdu l-mitraħ u jiżfnu miegħu (mal-mitraħ) waħda-waħda. Wara diż-żifna jaqbdu lill-ewwel tifel żgħir li jaraw quddiemhom u jgerbuh fuq il-mitraħ għal tliet darbiet. Billi n-nisa tar-rħula huma għajjurin wisq għal ħwejjeġ bojod u mkatar tal-ħarir, iġibu dawn il-ħwejjeġ u jagħmlu wirja bihom fid-dar ta' omm il-għarusa, biex jarawhom u jitgħaxxqu bihom il-mistednin.

Nhar il-Ħadd wara nofs inhar issir mejda kbira li għaliha jkunu mistednin il-qraba u l-ħbieb tal-għarajjes, u ħafna nies. Hemm jaħbtu tajjeb dawk li jħobbu lil żaqqhom, għax ikollhom biex jimlewha għal kif. Wara li kull ħadd ikun kiel u xorob u xaba', jaħsbu għal ħafla tat-tieġ. Jingħażlu għaxar għożżieb li jgħidulhom "kumbari" (sħab ilgħarus) u għaxar xebbiet li jgħidulhom

"paraninfe" (sħab il-għarusa) u l-ġilwa titlaq mid-dar għal knisja. Quddiem nett jimxi l-qassis, warajh id-daqqaq tal-"lawtaris" u wara d-daqqaq il-għarusa ma' missierha u l-għarus ma' missieru. Wara dawn jimxu l-"paraninfe" u l-"kumbari" u warajhom ġemgħa kbira ta' nies tar-raħal. Dil-gilwa tkun sabiħa wisq, għax iż-żagħżagħ tar-raħal, bniet u subien, biex jogħġbu lil xulxin, jilbsu l-isbaħ ilbies li jkollhom. Il-qniepen tal-knisja jdoqqu daqq ta' ferħ; id-daqqaq idoqq il-"lawtaris", u n-nies jgħannu u mexjin.

Il-ħafla tat-tieġ fil-knisja ddum minn siegħa sa sagħtejn, u tkun sabiħa ħafna. Meta l-qassis jgħid lill-għarusa l kelmiet tat-tieġ: ĦOBB U ISMA' il-għarus jagħfsilha sieqha b'siequ, biex tibqa' iktar tiftakar kliem il-qassis u tħarsu sewwa ma' tul ħajjitha. Waqt il-ħafla lin-nies li jkunu fil-knisja jagħtuhom xemgħa li jżommuha mixgħula f'idhom. Fl-aħħar tal-ħafla tat-tieġ innies jibdew jixħtu fuq il-għarajjes iż-żerriegħa tal-qoton bħala xewqa ta' risq u barka. Fl-aħħar nett il-qassis jistqarr quddiem kull ħadd, li dawk iż-żewġ għarajjes issa saru mara u raġel, jiġifieri miżżewġin.

Wara dan il-gilwa terġa toħroġ mill-knisja u n-nies kollha jmorru lejn dar il-għarus. Hemm jingħata lill-mistednin ħelu u nbit. Fil-għaxija ssir mejda oħra u lill-għarajjes iġibulhom jieklu żewġ bċieċen mixwijin, bħala xewqa u tfakkira li għandhom jgħaddu l-ħajja ta' żewġienhom bla ħjiena, u bis-sliema, bħala żewġ ħamimiet.

Il-għors ma jintemmx dik il-lejla għax jibqa' sejjer sa nhar l-erbgħa ta' wara. Ma' tul daż-żmien f'dar il-miżżewġin il-ġodda jinstama' d-daqq u l-għana tal-mistednin. Imma fl-aħħar iddaqq u l-għana jehda. U għodwa waħda, meta minn wara l-għoljiet tfiġġ ix xemx ta' fil-għodu, sħajna u mdehba, tara lil dak li kien għarus, issa sejjer għax-xogħol, bħar-rġiel l-oħra tar-raħal. U lil dik li kienet għarusa, issa mxammra u għeda tagħmel il-qadi taddar. U hekk fuq ir-raħal jerġgħu jaqgħu s-skiet u s-sliema.

P. Ubertinu Berti, O.F.M.

---

# KLIEM MEĦUD B'IEĦOR FL-EVANĠELU

Fl-antik nett, fiż-żmien li nkitbu l-Evanġelji, il-kotba ma kenux isiru bħal-lum. Ma kenux jintebgħu bħal ma jintebgħu l-lum, għax ma kienx hawn stamparijiet. Dak iż-żmien il-kotba kienu jinkitbu, kollha u dejjem bl-idejn.

Min kien irid ikollu xi ktieb, dak iż-żmien, kien jisselfu u jikteb bħalu. Jew jiktbu hu b'idejh, jew iqabbad lil xi ħadd jiktibulu, jew hu jaqra u xi ħadd ieħor jikteb; jagħmlu bħal **dictation.** Sewwa jekk jikteb hu b'idejh, sewwa jekk hu jaqra u ħadd ieħor jikteb, dejjem ħaġa ħafifa li fil-kitba jsiru l-għaltiet. L-aktar dak iż-żmien, li l-kitba Semija kienet mingħajr vokali. Xi trid biex BRR (barr) taqrahom u tiktibhom BHR (baħar)? Fil-kitba sata' kien hemm miktub: "Ġesù ħareġ lejn il-**barr**", u min kien jikteb kiteb: "Ġesù ħareġ lejn il-**baħar**".

Għal hekk ġara li fl-Evanġelju daħlu ħafna għaltiet żgħar. Kbar ma jistax ikun li daħlu, għax ir-Rjus tal-knisja kienu malajr jintebħu bihom u jħassruhom u jiktbuhom sew. Imma ċekċik żgħir hemm, għax dak ma kenux iħabblu rashom fuqu. U hawn sa naraw insibux xi żewġ ċekċikiet minn dawn u

nsewwuhom. Waħda biex ingħaddu ż-żmien, u oħra biex nitgħallmu xi ħaġa ġdida.

* * *

Meta Ġesù kien jitkellem fuq il-ħerba li kellha tiġi fuq Ġerusalem, miktub fl-Evanġelju ta' San Mattew, XXIV, 17, li qal: "Dawk li jkunu fuq is-**setaħ** ma jinżlux jieħdu xi ħaġa mid-dar". Ġesù kien jitkellem fuq il-gwerra; għaliex qalilhom biex min ikun fuq il-bejt ma jinżilx u jidħol fid-dar?

Dak iż-żmien, bdiel kanuni li jarmu l-balal fil-ħrieb jew gwerra, is-sulsuldati kellhom il-**katapulti,** li jarmu mhux balal, imma ħaġar, kull ħaġra ta nofs qantar. U minn bdiel azzarini kellhom il-qwas, li jtajjru l-vleġeġ. Mela aktar kien ikun hemm tiġrib fuq is-setaħ inkella ġewwa d-dar.

L-imma qegħda li hawn għandu jkun li hemm naqra ta' għalta. Ġesù aktarx li ma qalx: "Dak li jkun **għala s-sataħ** (jiġifieri fuq il-bejt) imma "**għala x-xataħ**", (jiġifieri fil-għalieqi, fir-raba). Għax **sataħ** tfisser l-ispjanata ta' fuq il-bejt imma **xataħ** tfisser il-pjanura tar-raba. U dan jidher ukoll mill-vers ta' wara, v. 18, għax f'dan il-vers tissemma l-għalqa. Aktarx li xi ħadd li kien jikteb kellu żewġ Evanġelji quddiemu; fil-wieħed kien hemm miktub **sataħ** u fl-ieħor **xataħ.** U dan biex jeħles, kitibhom it-tnejn. Passi miktuba darbtejn hemm oħrajn fl-Evanġelju. Hekk, **xataħ,** m'hux **sataħ,** tiftiehem tajjeb, għax il-ħabta kellha tkun fuq il-belt. Min kien ikun fil-għalqa ma kienx jaqbillu jidħol il-belt biex imur id-dar iġib il-ħwejjeġ, għax b'hekk kien jista' jitlef ħajtu. U l-ħajja aħjar mil-lbies.

* * *

Fit-tixbiħa taż-żerriegħi, miktuba fl-Evanġelju ta' San Mattew, XIII, 5-6, imsemmi li xi ftit miż-żerriegħa waqgħet f'art moxa, fejn ma kellhiex għoli ta' ħamrija. Din nibtet malajr, imma malli x-xemx **telgħet,** nixfet, għax ma kellhiex tira.

Mela, kif inhu miktub, iż-żerriegħa nibtet bil-lejl u mietet fil-għodu kmieni. Jiġifieri, ma għexet anqas biss jum wieħed. Għexet ftit siegħat biss. Kliem bħal dan ma hux naturali. Għax la darba ż-żerriegħa nibtet, kellha fl-art xi ftit tat-tira. U bit-tira li kellha, ftit jiem ma jistax ikun li ma għexithomx. Naraw mela, il-għalta fejn tista' tkun.

Fil-Palestina, in-nies jgħidu x-xemx **titla'** bħalna l-Maltin, u jgħidu ukoll ix-xemx **tisgħad,** li tfisser **titla** wkoll. U bħalna wkoll għandhom il-verb **żied (żad,** jgħidu huma), iżid. Hawn donnha li tinsab il-għoqda. Ġesù aktarx li qal: "U lemma x-xemx żadet, jebsu" (U meta x-xemx żiedet, nixfu). U min kien jikteb, fehem, jew qara, "U lemma x-xemx sagħdet, jebsu".

* * *

Fl-Evanġelju ta' San Mattew, X, 29, hemm miktub li Ġesù darba qal lill-Appostli: "Jewwilla għasfurejn ma jinbiegħux ħabba? U għasfur minnhom mə **jaqax** mingħajr missierkom".

Għaliex semma għasfur? Il-ħsieb talkliem m'hux meqjus tajjeb, għax ma hix ħaġa tal-għasafar li jaqgħu fl-art. Kieku qal: "Xagħra minn raskom ma taqax" bħalma qal drabi oħra, jew werqa minn siġra, jew tirxa minn ġebel, kienet tkun tajba, imma kif inhi m'hix tajba wisq. Għal hekk hawn aktarx li hawn xi għalta wkoll. Mela nfittxu kelmtejn fil-lsien tal-Palestina, li ħtija tagħhom setgħet saret din il-għalta. Hemm żewġ kelmiet li jixbħu 'l xulxin: **saqat** u **żaqat.** Ejja narawhom ftit.

**Saqat,** tfisser waqa' fl-art, interaħ, imma **żaqat** tfisser: **inqabad.** Inqabad bl-id, bix-xibka, bil-qaws, kif ikun. Mela aktarx li Ġesù qal: "Għasfur la **jażqot** (ma jinqabadx) illa bi abâkom",

u xi ħadd kiteb **ħażin**: "Għasfur la **jasqot**..." (jiġifieri: Għasfur ma jaqax...").

*   *   *

Fl-Evanġelju ta' San Mattew, XVIII 10, miktub li Ġesù darba qal hekk: "Araw li ma tgħażżbux lil xi ħadd minn dawn iż-żgħar! Għax ngħidilkom li **l-Anġli tagħhom** dejjem jaraw Wiċċ Abi (missieri) li hu fis-sema!"

La darba Ġesù kien jitħaddet fuq it-tfal żgħar, kif qabeż f'daqqa fuq l-Anġli? Jekk tieħdu kif inhu dal-kliem tal-Evanġelju ma jidherx li fih sens. Qisu l-kliem ta' dak is-surmast li qal lit-tfal tal-iskola: "Ilkom tliet snin tistudjaw il-Latin u ma tgħallimtux nota tal-mużka." X'għandu x'jaqsam? Latin huwa Latin u mużka, mużka. Għal hekk hawn donnha li hawn xi għalta. Ejja naraw insibuhiex.

Il-kelma **angelos** (sewwa sew: **aggelos)** bil-Grieg tfisser **newwiel,** wieħed li jwassal l-aħbarijiet u l-bxajjar min-naħa għall-oħra. Min kien jagħmel daxxogħol, dari kien ikun sabi mfarfar, li bil-Isien tal-Palestina u bil-Malti wkoll (ara d-Dizzjunarju ta' Ġanpatist Falzun) jgħidulu **xebb,** u l-plural tiegħu **xebbin.** Imbagħad hemm il-kelma **xebħ** u l-plural tagħha **xebħin.** Hawn hija t-taħwida: Ġesù, bil-Isien tiegħu, ma qalx **xebbinhom,** jiġifieri **l-Anġli tagħhom,** kif inhu miktub issa, imma **xebħinhom** jiġifieri: **dawk li jixbħuhom.** Xi ħadd ħa kelma b'oħra u kitibha ħażin.

U dan li għedt huwa msaħħaħ minn kliem ieħor ta' Ġesù, għax dil-kelma, li min irid jidħol f'Melkut Alla kellu l-ewwel isir jixbaħ lit-tfal żgħar, kienet fi lsienu u kien iħobb igħidha. Ara San Mattew, f'dit-taqsima, XVIII vers 3 u terġa' taqsima XIX vers 14, u San Mark u San Luqa wkoll.

U għal-lum biż-żejjed, għad li baqa-li ħafna oħra. Imma xi darba, 'k Alla jrid u jamar, naraw xi tnejn minnhom ukoll.

Ben Jehuża.

# IS-SALIB IMQADDES

*(14 ta' Settembru)*

Bħal ma n-nofs qamar hu l-egħliema tal-Misilmin u l-kandlier tas-seba' ftejjel hu l-egħliema tal-Lhud, hekk is-Salib huwa l-egħliema tal-Insara. Għalhekk jaqbel li ngħidu xi ħaġa fuqu.

**Is-Siġra.**

Is-siġra li l-Lhud għamlu minnha s-salib biex isallbu lil sidna Ġesù, kienet siġra taċ-ċipress. Dana hu magħruf sewwa għax il-biċċiet tiegħu li jinsabu fil-knejjes, meta t-tobba jifluhom bil-mikroskopju, jaraw li huma ta' siġra musmarija, jiġifieri taċ-ċipress jew tal-prinjoli. Tal-prinjoli ma jistax ikun, għax la darba nafu mill-Evanġelju li lil Ġesù kif kien imsallab tawh f'ħalqu l-isponża bil-ħall fuq tarf ta' qasba, jidher li kien imsallab fil-għoli, la s-suldat ma laħqux b'idu. Jekk naqtgħu li s-salib kellu ma' dwar pied imdaħħal ġewwa l-art, jiġi li b'kollox kien twil minn għaxra sa tnax-il pied. Imma s-siġra tal-prinjoli ma tagħmelx frajja' dritti u twal daqs hekk. Mela b'saħħa li s-salib kien magħmul minn siġra taċ-ċipress, li z-zokk tagħha jkun twil u dritt daqs xemgħa.

Din is-siġra tas-salib jingħad minn żmien qadim sewwa li l-Lhud qatgħuha minn ġewwa wied żgħir fil-Għarb ta' Ġerusalem. Ilu jingħad hekk minn qabel żmien santa Liena, għax binha



Ġerusalemm. — Dejr is-Salib, mibni mill-Imperatur Ġustinjanu fis-seklu VI.

l-Imperatur Kostantinu, il-post fejn kienet is-siġra u biċċa art ma' dwaru, tahom lil Mirjan sultan tal-Ġeorġa, u dana fuqu bena knisja. Fi żmien sultan ieħor tal-Ġeorġa wkoll, jismu Tazjan, hemm, wieħed Raħeb, Pietru l-Iberjan, bena Dejr. Dan id-Dejr ġarrfuh is-Samrijin u reġa' bnieh l-Imperatur Ġustinjanu, u għadu hemm sal-lum, b'xi ftit tat-tibdil.

Ġewwa d-Dejr hemm knisja, u wara l-artal il-kbir hemm rokna u fiha ħofra fl-art, bid-dawra tagħha miksija bil-fidda, fejn kienet is-siġra tas-Salib. L-art tal-knisja hija tal-mużajk, u fiha rqajja kbar, ħomor-kaħlanija, donnu xxerred l-inbid. Dak huwa d-demm tar-Rħieb Griegi li darba l-ħallelin qatluhom hemm ġew.

## Is-Sejba

Is-salib li fuqu kienu joqtlu lil xi ħadd, il-Lhud kienu jgħodduh bħala ħaġa mniġġsa. Għalhekk kienu jixħtuh fil-wied ta' Ġeħenna, taħt wieħed mis-swar ta' Ġerusalemm, fejn kienu jaħarqu ż-żibel, biex jinħaraq hemm. Imma minn fejn sallbu lil Ġesù sa dak il-wied, hemm xi nofs siegħa mixi (jien dan nafu sewwa, għax domt ħaf-



Ġerusalemm. — Il-bir li fih Santa Liena sabet is-Salib ta' Kristu. Il-lum magħmul kappella, tal-Franġiskani. Fix-xellug jidher l-artal u fuqu l-istatwa ta' Santa Liena, tal-bronż. Għotja tal-Arċiduka Massimiljanu tal-Awstrija.

na snin Ġerusalemm). U meta Jusef niżżel lil Ġesù mis-salib, ftit kien baqa' biex tgħib ix-xemx, u dik inhar kien



**Ġerusalem. — Statwa tal-bronż ta' Santa Liena, fuq l-artal, fil-ġiebja tas-Salib.**

il-Ġimgħa, u wara nżul ix-xemx il-Lhud ma kienu jistgħu jagħmlu ebda xogħol, għax kienu jgħidu li beda s-Sibt. Għal hekk is-salib xeħtuh ġewwa bir bla ilma, hemm, qrib il-Kalvarju. Meta Santa Liena marret Ġerusalemm u qabbdet lil ħaddiema jikxfu l-qabar ta' Kristu u l-Kalvarju, kixfu dan il-bir ukoll u sabu ġewwa fih is-Salib. M'hux salib wieħed sabu, imma tlieta u għall-ewwel santa Liena ma setgħetx tagħraf liema minnhom kien is-Salib ta' Ġesù. Sant'Ambroġ kiteb, fis-sena 395 (Oratio de Obitu Theodosii), xi sittin sena wara dil-ġrajja, li mbagħad għarfitu mit-tabella (titulus) li kienet għadha mwaħħla miegħu, u li kien fiha miktub bin-nora, kemm-kemm jidher: "Jexugh ha-Noxri, Melek Jehudaja", jiġifiieri: "Ġesù n-Nasri, Sultan tal-Lhud".

Billi fuq dak is-Salib kienet seħħet il-Fidwa tad-dinja, u billi l-Imperatur Kostantinu, bin Santa Liena, kien rebaħ il-gwerra bil-egħliema tas-Salib, din il-qaddisa lis-Salib ta' Ġesù għożżitu ħafna, u fuq il-bir li sabitu fih, bniet Bażilka u għanietha bl-isbaħ tiżjin, u semmietha **Martyrion,** jiġifieri **Xhieda.** Dan il-bir għadu s'issa qawwi sħiħ u huwa tal-Franġiskani u fih għandhom artal li jqaddsu fuqu kull jum (jien għent il-quddies hemm isfel kemm-il darba). Tinżel fil-bir, issa, minn taraġ tal-ħadid, maħdum minn wieħed ajk Malti, li kien Ġerusalem. Fuq l-artal hemm statwa tal-bronż ta' Santa Liena tħaddan is-salib, li kien taha lil Franġiskani l-Arċiduka Massimiljanu tal-Awstrja, dak li Napuljun III kien bagħtu l-Messiku, u l-Messikani xkubettjawh.

Dan hu ftit tagħrif, ħafif u qasir, fuq is-Salib Imqaddes li fuqu miet Sidna Ġesù Kristu, li jaqbel li wieħed jaqrah.

P. VALENTIN, O.F.M.

---

### QWIEL TAL-PALESTINA

Maktub fi werq il-għar: li jishar fil-lejl, jenam fin-nhar. Ħaġa minn awl id-dinja li l-ġisem irid il-misrieħ. Għal hekk, meta jgħejja jkollu jorqod, jekk mhux bil-lejl, bi nhar. "Jenam" tfisser "jorqod".

Oqgħod bi ħadd it-tabħa, wa lew tagħabt bi nefaħha. Oqgħod ma' ġenb it-tisjir, imqar tgħejja tonfoħlu. Jiġifieri, fejn ikun hemm il-ġid, ibqa' għal kemm tkun batut, għax aħjar tgħejja fil-ġid, jew tistrieħ fil-għaks.

# IL-QUMRAN U L-INSARA

Fiż-żewġ kitbiet ta' qabel din tajna ħarsa lejn dak li nsab f'Hirbet Qumrân u ma' dwarha, u rajna ftit x'nistgħu nitgħallmu minnu fuq dawk ir-Rhieb Lhud ta' żmien Kristu. Issa naraw dik ix-xirka ta' Rħieb x'għandha x'taqsam max-xirka tal-Insara: jiġifieri jekk l-Evanġelju ta' Ġesù u l-knisja tiegħu tnisslux minn dawk ir-Rħieb ta' Qumrân, kif ħaseb xi ħadd.

Malli l-kitba li nsabet Qumrân bdiet tinqara, bdew jidhru fiha ħsibijiet u fehmiet u kliem li jixbah lil dak li hemm miktub f'xi kotba tal-Għaqda l-Ġdida. Għal hekk kien hemm nies li bdew jgħidu li mill-kotba ta' Qumrân inkixef il-bidu tad-Din Nisrani kif kien u x'kien.

Żewġ kittieba tal-antik ħafna, Ġużeppi Flavju u Plinju, isemmu li kien hemm xirka ta' Lhud jgħidulha tal-Essenin. Flavju kiteb li l-Essenin kienu mxerrda mal-Palestina kollha, imma Plinju qal li kellhom il-egħmara tagħhom qrib il-Baħar Mejjet — fejn instabet il-ħirba ta' Qumran. Jekk ir-rħieb ta' Qumran kienux huma l-Essenin, ma tistax taf sewwa; imma issa magħruf li jekk ma kienux huma, kienu bħalhom sewwa, li jfittxu jgħixu ħajja aktar tar-ruħ mill-bqija tal-Lhud.

**Ix-xebħ fil-Kliem**

La darba dawn ir-rħieb kellhom l-egħmara qrib il-Baħar Mejjet, Ġesù u l-Appostli kienu jafu bihom, u hekk ukoll san Ġwann il-Għammied. San Ġwann kien jgħammed u jxandar it-tewba ftit 'il fuq minn Qumran, fuq xatt ix-xmara, u Ġesù wkoll għadda żmien qrib Qumran, meta sam is-sawma ta' erbgħin jum. Għal hekk aktarx li drabi kellmuhom. Mela ma hi xej ħaġa kbira li fil-kitba bikrija tal-Insara wieħed isib ħjelijiet, fil-bini tal-kliem u fit-tagħlim, li jixbhu lil ta' dik ix-xirka. Li għandna naraw, mela, hu dan: jekk dan ix-xebh fil-kitba ta' dawk ir-rħieb u ta' l-Insara jurix: (a) li d-Din Nisrani waqqfuh ir-rħieb ta' Qumran; (b) li kien hemm xi għamla ta' Din Nisrani qabel Kristu; u, (ċ) jekk kienx f'Qumran, u m'hux f'Betlehem jew Nazaret, li d-Din Nisrani kien maħluq.

Meta wieħed jifli l-kitba li nsabet s'issa, isib li fiha jinsab xebħ mal-Evanġelju ta' san Mattew; mal-Evanġelju ta' san Luqa; mal-Ittri li san Pawl kiteb fil-ħabs; u mal-kitba ta' san Ġwann l-Evanġelista. Ebda xebħ ma hemm mal-Evanġelju ta' san Mark (li, kif inhuma l-Evanġelji issa, magħdud li nkiteb qabel it-traduzjoni bil-Grieg ta' san Mattew) u anqas mal-Ittri li san Pawl kiteb qabel ma kien fil-ħabs. Dan juri li x-xebħ bejn il-kitba ta' Qumran u l-kitba tal-Insara mhux fl-ewwel, imma fit-tieni żmien tat-tagħlim Nisrani u l-ħajja Nisranija. Hekk jidher li Ġesù f'tagħlimu ma ġibed xejn mit-tagħlim tar-rħieb ta' Qumran u l-ħjielijiet li hemm fil-kitba tal-Appostli li jixbħu lil ta' Qumran, setgħu ħaduhom min-naħa oħra. Targa', dan ix-xebh jista' jitfisser billi sewwa r-rħieb ta' Qumran kemm l-Insara kienu jaqraw il-Kotba Mqaddsa tal-Għaqda l-Qadima u magħhom ukoll il-kotba Apokrifi tal-Lhud.

Hija ħaġa magħrufa li l-Ixirka ta' Qumran kienu jaqraw wisq il-kotba tal-Għaqda l-Qadima, uħud minnhom kienu jaqrawhom bla ma jaqtgħu, lejl u nhar. Kliem minn dawn il-kotba jidher wisq drabi fil-kitba tagħhom. Imma meta jtennu kliem mill-Għaqda l-Qadima, idawwruh kif ikun jeqbel lilhom: iżidu kliem miegħu, jew inaqqsu minnu, jew ibiddlu xi ħaġa wkoll. Issa xi ħaġa bħal din hemm ukoll fl-ewwel kit-

ba tal-Insara. Bħalli kieku: dejjem hemm xi ħaġa mbiddla fil-profeziji jew tibsir fuq il-miġja tal-Messija, ngħidu aħna, kif jinsab minnu fl-Evanġelju ta' san Mattew. Imma din xejn ma hi ħaġa tal-għaġeb għax kienet issir mix-xirkiet kollha tal-Lhud. Il-kliem tal-Profeti kien wirt tal-Lhud kollha, u l-knisja Nisranija twieldet qalb il-Lhud.

**Xebh fit-Tqasim.**

It-taqsim tax-xirka ta' Qumran ukoll kien imxebbah, minn xi nies, mat-taqsim tax-xirka tal-Insara. Ir-rħieb ta' Qumran kellhom fuqhom mgħallem jgħidulu l-**Imbakker,** bħal ma kull taqsima tax-xirka tal-Insara kellha mgħallem fuqha jgħidulu **Episkopos** (Isqof). Ir-rħieb ta' Qumran kienu mamura li jagħtu ġidhom lix-xirka, meta jidħlu



**Il-Ktieb tat-Tifħir, jew, bil-Lhudi, "Ħudajot", misjub mill-Għarab fil-Għerien ta' Qumran u mixtri mil-Lhud, li issa jinsab fl-Università Lhudija ta' Ġerusalem. Ktieb tal-ġild, qadim, imtaqqab u mgħaffeġ, imma jiswa eluf kbar ta' liri.**

fiha; hekk ukoll kienu jagħmlu l-Insara (Matt. XIX, 16-30, u Atti, IV, 34-37; V. 1-11). Ta' Qumran kienu jtellgħu x-xorti, hekk ukoll kienu jagħmlu l-Insara (Atti, 1, 26). Kellhom l-Ikla Mqaddsa flimkien; hekk ukoll l-Insara. Kienu jfittxu min hu l-ewwel u min hu l-aħħar, bħal ma kienu jagħmlu l-Appostli (Mat. XVIII, 1-3). Kienu jwissu lil xulxin, jekk xi ħadd jaqa' f'xi ħtija; hekk ukoll miktub (Matt. XVIII, 15-17) li kienu jagħmlu l-Insara.

Imma l-qagħda tal-**Imbakker** fix-xirka ta' Qumran kienet xorta oħra mill-qagħda tal-**Episkopos** fix-xirka tal-Insara, kif inhi mfissra fl-Ittri ta' san Pawl u l-bqija tal-Għaqda l-Ġdida. L-Insara kienu jagħtu ġidhom lix-xirka **jekk iridu**, m'hux **b'saħħa**, bħal ta' Qumran. Kien hemm għażla kbira wkoll bejn l-Ikla Mqaddsa ta' Qumran u l-Ikla ewkaristika tal-Insara. Meta l-Appostli riedu jafu min kien l-ewwel fosthom, Ġesù ċanfarhom. Fost l-Insara t-tusijiet kellhom isiru bil-mistur l-ewwel, m'hux bid-dieher bħal ta' Qumran.

Huwa minnu wkoll li l-ixirka ta' Qumran kienu jsejħu lilhom nfishom: qaddisin, werrieta tas-saltna, foqra tal-Mulej, Israel tas-sewwa, ħaġra għażiża u oħrajn, meħudin l-aktar mill-ktieb ta' Danjiel (VII, 25-27) bħal ma wara ħadu l-Insara. Imma dawn l-ismijiet, imtennijin mill-Għaqda l-Qadima, bħal ma għoġbu lil ta' Qumran, setgħu għoġbu wkoll lill-Insara.

L-ixirka ta' Qumran ma kienux jistgħu jagħmluha ħlief ma' sħabhom, għax jibżgħu li jitniġġsu; waqt li l-Insara kienu jagħmluha mal-midinbin biex iħajjruhom jagħmlu t-tewba (ara Ġesù n-nifsu fl-Ev. ta' san Mattew IX, 10-13). Kienu joboghdu lil kull ħadd, Lhud u Pagani, jekk ma jkunux imseħbin magħhom. L-Insara kienu jkellmu bit-tajjeb lil-Lhud (Atti, II, 14-39; u jilqgħu fi ħdanhom lil Pagani (Atti, X, 1-48, etc.). Min kien jidħol fix-xirka ta' Qumran kellu jgħaddi ħajja jiebsa għall-aħħar; min isir Nisrani ma kellux għajr jiċħad l-allat qarrieqa, ma jagħmelx dnubiet u jemmen f'Ġesù n-Nażri, li kien maqtul u qam mill-imwiet.

L-ixirka ta' Qumran kellhom f'rashom li kienu qegħdin iġeddu l-ftehima li Alla għamel ma' Mosè fuq Gebel Sina; l-Insara kienu jifhmu li bil-miġja ta' Ġesù fid-dinja kienet intemmet il-ftehima l-qadima ta' Gebel Sina u seħħet il-ftehima l-ġdida bil-qawma tiegħu mill-mewt.

## Il-Persuna ta' Ġesù

X'uħud waslu biex qalu li Mgħallem is-Sewwa msemmi fil-kitba ta' Qumran, kien għamla ta' Ġesù ieħor, qabel Ġesù tal-Evanġelju, u bħalu kien imressaq quddiem il-qassis, maqtul, u wara qam mill-mewt. Dana m'hux minnu, għax l-ixirka ta' Qumran kienu jistennew żewġ Messijiet, m'hux wieħed: Messija Qassis u Messija Gwerrier. L-Imgħallem tas-Sewwa msemmi f'Qumran, ma kienx jitkellem f'ismu, imma f'isem Mosè; waqt li Ġesù tal-Evanġelju kien jitkellem bil-jedd tiegħu n-nifsu (Smajtu x'intqal, [minn Mosè] lin-nies ta' qabel... Imma JIEN ngħidilkom..." Ara san Mattew V, 21-44), u saħansitra kien ineħħi l-preċetti jew omra ta' Mosè biex iwaqqaf tiegħu. Ta' Qumran kienu jemmnu bit-**tagħlim** ta' Mgħallem is-Sewwa, m'hux bil-persuna tiegħu; l-Insara sa mill-bidu kienu jemmnu bit-**tagħlim** u bil-**persuna** ta' Ġesù, l-Imgħallem tagħhom.

Minn dan li għedna jidher ċar li x-xebh li hemm bejn ix-xirka ta' Qumran u x-xirka tal-Insara huwa xebh fi ħwejjeġ żgħar u mġennba, m'hux fi ħwejjeġ kbar u fundamentali. Għal hekk, b'kull ma nsab f'Qumran, id-Din Nisrani jibqa' li kien: ċaqliqa Divina, u

m'hix fenomnu tal-istorja, bħal fenomni l-oħra, kif ried jgħid xi ħadd.

**Egħluq u Rabta.**

B'dana kollu l-kitba li nstabet f'Qumran għandha siwi kbir ħafna biex jiftiehmu aħjar il-kotba tal-Għaqda l-Ġdida. Għax il-ġrajjiet tal-Għaqda l-Ġdida ġraw fiż-żmien, bħal kull ġrajjiet oħra, għal hekk fihom ukoll jinsabu, biex ngħidu hekk, il-lwien u l-għamliet taż-żmien li ġraw fih. Għal hekk, aktar ma wieħed jifhem iż-żmien tal-Evanġelju, aktar jifhem sewwa t-tifsira tal-Bxara mnedija minn Ġesù u mxerrda mill-Appostli tiegħu.

Meta wieħed jifli l-kitba ta' Qumran, jifhem sewwa l-kliem li kiteb san Pawl lill-Galatin: "Kemm idum il-werriet tifel, ikun jixbaħ lil ilsir, għalkemm hu sid ta' kollox. Hu taħt idejn it-tuturi u l-prokuraturi saż-żmien imwaqqaf minn missieru. Hekk aħna meta konna żgħar konna mjassrin taħt l-elementi tad-dinja. Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, bagħat Alla 'l Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna t-tibnija. Li intom ulied (jidher minn dan li) bagħat Alla Ruħ Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba, Missier. (Gal 4, 1-6.)

Hekk, bis-saħħa tax-xirka ta' Qumran, il-poplu ta' Israel, bin-nuqqasijiet kollha tiegħu, kien jistenna u jixtieq il-miġja tal-Messija, u bil-għalt kollu li kellu fit-tagħlim, kien imħejji biex f'ruħu titnissel ħajja ġdida.

Għal hekk, il-kliem ta' san Ġwann il-Għammied ċaqlaq il-poplu Lhudi, u x-xandir ta' Ġesù kien milqugħ minnies ta' rieda tajba. San Luqa kiteb (Atti, VI, 7): li f'Ġerusalem wisq qassisin Lhud laqgħu t-tagħlim tal-Appostli u emmnu f'Ġesù bħala Messija. U aktar iwa milli le, dawn il-qassisin kienu msieħba fix-xirka ta' Qumran.

D. K. SANT.

---

## IN-NESSEJ

Kien hemm raġel li kien jinsa wisq, għal hekk il-mara tiegħu ġiegħlitu li kull ma jkollu, jikteb dejjem fejn qegħdin, ħalli mbagħad jara l-kitba u jiftakar malajr.

Darba mar il-belt jagħmel ix-xirja u sar il-ħin u ma satax imur id-dar. Għal hekk mar sab lukanda u qagħad fiha għal dak il-lejl. U wara li kiel u kien sa jorqod, ħareġ qelem u karta u kiteb kull ħaġa li kellu u fejn kien qegħdha, biex fil-għodu meta jisbaħ u jkun sejjer id-dar, isibha malajr. Kiteb: **iż-żejt fil-kuż; il-ful ġewwa l-ġewlaq; il-qamħ fix-xkora; il-qara' fil-qoffa; il-flus fil-mindil; iż-żarbun taħt is-sodda; il-qumbas fuq il-witet, u jiena fil-friex.**

Fil-għodu malli qam u ħareġ mill-friex, mar jaqra l-karta dak li kien kiteb fil-għaxija u sab kollox fejn ħallieh. Imma meta wasal "**u jien fil-friex**" mar ifittex fil-friex u ma sab lil ħadd. Għal hekk beda jgħajjat kemm kellu saħħa, u mar sab lil sid il-lukanda, u qallu li jekk ma jsiblux malajr dak li kien ħalla fil-friex fil-għaxija, kien imur l-għassa. Tal-lukanda saqsih: "X'ħallejt fil-friex fil-għaxija?" Dak wieġeb: "jien ktibt kull ma kelli u fejn ħallejtu. Fl-aħħar għandi miktub: 'Jien fil-friex', u ara li issa fil-friex ma hemm ħadd!"

Qallu tal-lukanda: "Int x'inti thewden, għidli ħaġa? Jekk inti qomt u ħriġt mill-friex, kif trid issib ruħek fil-friex? Isa, ħallasni u itlaq 'il barra, għax inwasslek jien, u jeħduk l-isptar tal-imġienen!"

# IS-SINEDRIJU

Ġie li smajna, l-aktar fil-priedki ta' żmien il-Passjoni, fuq is-Sinedriju tal-Lhud li ta s-sentenza tal-mewt lil Kristu. Dan is-Sinedriju nistħajluh bħal Qorti. Imma x'kien sewwa? X'setgħa kellu? Kif kien jaħdem?

Sinedriju hi kelma Griega *sinedrion*, li daħlet fil-Lhudi mwaħħar *sanhendrin* u tfisser "laqgħa ta' kunsilieri, senaturi, mħallfin." Il-Lhud kellhom is-sinedriju l-kbir, li kellu l-ogħla setgħa, u sinedriji oħra żgħar ta' setgħa inqas. X'uħud jaħsbu li s-sinedriju beda fi żmien Mosè, imma dan ma jistax ikun, għax fl-istorja tal-Lhud qatt ma jissemmew qabel l-aħħar żmenijiet. U għalhekk il-kotra tal-għorrief illum iżommu li s-sinedriju beda fl-aħħar mitt sena qabel Kristu. Fi żmien il-Makkabin jissemma bosta drabi l-kunsill tal-poplu (2 Makk. 1, 10; 4, 44; 11, 27), u dan aktarx kien dak li żmien wara kienu jgħidulu sinedriju.

Is-Sinedriju l-kbir kien magħmul minn 71 membru, jiġifieri president u 70 membru. Jekk xi drabi l-Lhud isemmu 72 membru, dan ma kienx is-sinedriju, imma laqgħa ta' għorrief Lhud tat-tieni seklu wara Kristu.

Il-president tas-Sinedriju kien ikun dejjem il-qassis il-kbir. Fil-kawża ta' Kristu, il-laqgħa saret għand Qajfa, il-qassis il-kbir (Matt. 26, 3. 57; Mk. 14, 53. 60; Lq. 22, 54). U meta l-Appostli kienu arrestati talli kienu jxandru 'l Kristu, kien ikun il-qassis il-kbir li jkellimhom, iheddidhom u jikkundannahom; ara Atti 5, 17. 21; 7, 1; 9, 1; Sawlu jitlob il-permess tal-qassis il-kbir biex jarresta l-insara ta' Damasku; 23, 2 il-qassis il-kbir jamar li jagħtu daqqa ta' ħarta lil Pawlu. Il-membri tas-Sinedriju kienu: 1. l-ewwelnett dawk kollha li kellhom it-titlu ta' qassis il-kbir jiġifieri l-qassisin il-kbar u dawk li darba kienu kapijiet tal-qassisin u ma baqgħux, bħalma kien Anna fi żmien il-Passjoni ta' Kristu. Mal-qassisin il-kbar kienu mdaħħlin ukoll oħrajn minn dawk il-familji li minnhom ġejjin il-qassisin il-kbar. Dawn jissemmew f'Atti 4, 6. 2. Kienu membri tas-Sinedriju wkoll il-għorrief tal-Liġi. Dawn kienu aktarx kollha Farisin, kienu jistudjaw il-Liġi ta' Mosè bl-irqaqat kollha u l-kelma tagħhom kellha setgħa kbira. Jissemmew bosta drabi fil-Vanġelu, u Kristu jċanfarhom, għax kien jidhrilhom li huma nies tajba billi jħarsu l-irqaqat tal-Liġi u mbagħad jiksru l-liġi t'Alla. 3. Membri oħra kienu *x-xjuħ*, li setgħu jkunu qassisin jew sekulari, nies magħrufa u ta' ġieħ fost il-poplu. Is-sultan ma kienx membru tas-Sinedriju, għaliex il-Lhud kellhom f'moħħhom li l-kelma tas-sultan u la kienu jistgħu jmorru kontra tagħha u lanqas joqogħdu għaliha għal wiċċ is-sultan.

Fil-laqgħat il-membri kienu joqogħdu nofs dawra. Fin-nofs kien joqgħod il-president u ma' ġenbu kienu joqogħdu dak ta' wara l-president u li joqgħod fuq meta ma jkunx hemm u l-ieħor aktarx li kien għaref tal-Liġi. L-oħrajn kienu joqogħdu skond id-dinjità tagħhom. Kienu joqogħdu bil-qiegħda fl-art, b'saqajhom imsallbin. Magħhom kien ikun hemm xi qaddejja u kittieba.

Il-laqgħat tas-Sinedriju kienu jsiru kuljum, barra mis-Sibtijiet u l-festi. Il-ħin tal-laqgħat kien mis-sagriffiċċju ta' fil-għodu sas-sagrifiċċju ta' fil-għaxija. Mela l-laqgħa tas-Sinedriju għand Qajfa bil-lejl meta qabdu 'l Kristu kienet kontra l-liġi.

Is-Sinedriju kien jiltaqa' Ġerusalem

f'sala li kienu jgħidulha "s-sala tal-Kunsill" jew "il-Kunsill". Jaħsbu li kienet in-naħa tal-lbiċ tal-bitħa ta' ġewwa tat-tempju. Iżda 40 sena qabel il-waqgħa tat-tempju fis-sena 70 is-sinedriju beda jiltaqa' f'post igħidulu "ħwienet", iżda fejn kien dal-post ma nafux. Jaħsbu li kien fil-loġoġ ta' madwar it-tempju. Wara s-sena 70 is-sinedriju kien meħud fil-belt ta' Jamnija, xi 26 mil lejn il-punent ta' Ġerusalem. Imma ma kienx is-sinedriju ta' qabel, għax wara l-gwerra l-kbira ma kienx baqa' bħala membri ħlief il-għorrief tal-Liġi, li ħadu f'idejhom it-tmexxija tal-ħajja reliġjuża kollha tal-poplu.

Is-Sinedriju, li kien qisu l-Parlament u l-Qorti tal-Lhud, kellu setgħa kbira daqs tas-sultan. Il-kawżi kbar ħadd ma kellu dritt jismagħhom u jaqtagħhom ħliefu. Hekk, jekk biċċa kbira mill-poplu taqa' fl-idolatrija, xi kawża kontra profeta falz jew kontra l-qassis il-kbir, il-mankamenti tal-ġisem li minħabba fihom wieħed ma kienx jista' jsir qassis, ħlas ta' taxxi, it-tifsir tal-liġi ta' Alla, kienu kollha ħwejjeġ li jaqgħu taħt is-setgħa tas-sinedriju.

Kwistjoni kbira bejn l-għorrief hi din: Kellhom il-Lhud fi żmien Kristu s-setgħa li jikkundannaw għal mewt? Nafu fi żgur li meta Pilatu qal lil-Lhud: "Ħuduh u agħmlu ħaqq minnu skond il-Liġi tagħkom", il-Lhud weġbuh: "Ma għandna jedd noqtlu lil ħadd". Mela fi żmien Kristu s-sinedriju ma kellux setgħa jagħti l-piena tal-mewt. Iżda f'każ ta' delitt reliġjuż, is-sinedriju kellu d-dritt jeżamina l-każ skond il-Liġi ta' Mosè, u għalhekk xi wħud jaħsbu li s-Sinedriju kellu s-setgħa jagħti s-sentenza tal-mewt, imma din is-sentenza kellha tkun imwettqa mill-gvernatur Ruman, inkella ma tkun tgħodd xejn. U l-Gvernatur Ruman, ma għandniex xi ngħidu, kien jista' jħassar is-sentenza tal-Lhud. Issa dan hu li ġara fi żmien Kristu. Is-Sinedriju ta s-sentenza tal-mewt, iżda din is-sentenza ma kienet tiswa xejn. Għalhekk marru għand Pilatu biex iwettaq is-sentenża tagħhom. Pilatu ried jisma' l-kawża mill-ġdid, ra li Kristu ma kellux ħtija u ried jeħelsu, u ma ħelsux mhux għax ma setgħax, imma għax beża' mil--Lhud. Tassew li San Stiefnu kien ikkundannat u maqtul mis-Sinedriju, imma dan ġara bi storbju u f'taħbila kbira mhux b'sentenza. U r-Rumani ma ħabbtux rashom u ma tkellmu xejn. Iżda meta, xi żmien wara, il-qassis il-kbir Ananus ikkundanna għal mewt lil San Ġakbu, kien imneħħi mill-post ta' qassis il-kbir.

Barra mis-Sinedriju l-kbir kien hemm sinedriji oħra żgħar taħt il-ħakma tas-Sinedriju l-kbir. Kien hemm tnejn Ġerusalem u wieħed f'kull belt li fiha mill-anqas mija u għoxrin kap tal-familja. Fil-bliet u rħula żgħar il-kawżi żgħar kienu jinqatgħu minn kunsill ta' tliet imħallfin. Dawn is-sinedriji żgħar kienu bħal qrati fejn isiru kawżi li ma kienx jarahom is-sinedriju.

L-imħallfin ta' dawn il-kawżi kienu meqjusin flok Alla u l-ħaqq tagħhom kien il-ħaqq t'Alla li ma kienx jista' jitbiddel anqas jitħassar. Għalhekk xi drabi l-imħallfin igħidulhom allat.

Il-kawżi kienu jsiru fil-għodu biss. Il-kawża tinqata' dak in-nhar stess li ssir u l-kastig jingħata fil-ħin. Imma jekk delitt ħaqqu l-mewt, ma kinetx tista' ssir il-kawża, tingħata s-sentenza u l-piena f'jum wieħed. Anqas ma kienu jistgħu jsiru kawżi tal-mewt bil-lejl.

Il-Qorti, sa min żmenijiet qodma, kien isir ħdejn il-bieb tal-belt fejn l-aktar li tinġema' n-nies. Iżda maż-żmien, il-Qorti beda jsir f'bini għal t'apposta, bħalma jsir illum kullimkien. Meta l-Palestina kienet taħt il-ħakma Rumana, il-Qorti kien isir fil-palazz tal-Gver-

natur, li jgħidulu pretorju. Fil-pretorju ta' Pilatu kien meħud Kristu (Matt. 27, 27; Mk. 15, 16) u fil-pretorju wkoll kien meħud Pawlu (Atti 23, 35; 25, 23).

Il-kawżi kienu jsiru bi ftit kliem. Min iħarrek u l-imħarrek, li llum bil-kliem tal-Qorti jgħidulu l-attur u l-konvenut, jidhru quddiem l-imħallef; l-imħarrek in-naħa tax-xellug ta' dak li ħarrku. Ix-xhud kienu meħtieġa bil-fors; millanqas tnejn jew tlieta li qabel xejn jaħilfu li jgħidu s-sewwa. Min iħarrek kien jista' jkun xhud. Min jixhed falz jeħel il-piena li jkun ħaqqu l-imħarrek. Meta mhemmx xhud, l-imħarrek u dak li ħarrku jistgħu jkunu mġegħlin jaħilfu u jixhdu. Avukati fil-kawżi ma jissemmew qatt. Is-sentenza kienet tkun esegwita minnufih. Ma kienx hemm appell skond il-Liġi ta' Mosè.

P. P. SAYDON.

---

# IT-TABOR U L-KNISJA TAS-SALVATUR

Fl-Evanġelju ta' San Mattew (XVII, 1, 2, 3) hemm miktub dal-kliem: "U wara sitt ijiem, ħa Ġesù lil Pietru lil Ġakbu u lil Ġanni, ħuh, u tellagħhom fuq ġebel għoli, għal waħd. U tbiddel quddiemhom, u idda wiċċu bħax-xemx, imma ħwejjġu saru jilmgħu bħaddawl. U f'daqqa dehrulhom Mosè u Elija, jitħaddtu miegħu".

Dan ġara fuq muntanja għolja, maqtugħa għaliha weħedha, fil-Palestina. Il-post fejn saret it-Trasfigurazzjoni



Il-Bażilka tat-Tabor.



Il-Bażilka tat-Tabor, minn ġewwa. Isfel, fin-nofs tidher il-Kripta, bil-warrani tal-ħġieġ.

l-Insara baqgħu jafuh, u fuqu fis-seklu IV bnew knisja sabiħa u kbira.

Dil-knisja baqgħet wieqfa sa żmien is-Salibin, jew *Crocjati*. Imma wara ġarrafha s-sultan ta' Damask, Melek il-Ghâdel, fis-sena 1212. Ftit żmien wara, jiġifieri fis-sena 1229 l-Imperatur Federiku II għamel ħabib mas-sultan ta' l-Eġittu, Melek il-Kâmel, u qala' minn għandu l-muntanja tat-Tabor u taha lill-Insara. Dawn bnew fuqha knisja żgħira, qrib il-ħerba tal-knisja l-qadima, imma fis-sena 1263, sultan ieħor tal-Eġittu, Bibars, raġa' ħa t-Ta-



Il-Kripta tal-Bażilka tat-Tabor. Fil-ġnub jidhru l-Anġli tal-Mużajk.

bor u ġarraf il-knisja mill-ġdid. Wara dan, it-Tabor baqa' mingħajr knisja fuqu għal xi erba' mitt sena.

Fis-sena 1631, is-sultan Fahar id-Din, emir tal-Galilija, ta l-ħerba tal-knejjes li semmejna lill-Franġiskani li kienu f'Nazaret, u dawn fil-ħerba sabu banju Tork, sewwewh ftit u għamluh kappella, u kienu jmorru jqaddsu fiha.

Fis-sena 1858 il-Franġiskani bdew iħaffru u sabu l-fdal tal-knisja l-qadima u ta' żewġ knejjes żgħar oħra, ta' Mosè u Elija. U riedu jerġgħu jibnuhom mill-ġdid, imma ma kellhomx flus. Wara l-ewwel gwerra (1914-1918) wieħed Franġiskan Amerikan, Patri Goffredu Schilling, wiegħed lill-Kustodju ta' Ġerusalemm li jiġbor hu l-flus biex tinbena l-knisja. Il-flus ġabarhom, u f'Mejju tas-sena 1921 inbeda x-xogħol. Tqabbdu jaħdmu 300 raġel u l-knisja damet tinbena tliet snin. Fl-1 ta' Ġunju 1924 mar il-Palestina l-Kardinal Giorgi u bierek il-knisja l-ġdida hu.



L-Anġli tal-Mużajk, fil-ġenb tax-xellug tal-Kripta fil-Bażilka tat-Tabor.

Il-knisja tat-Tabor kbira xi daqs il-knisja tal-Gebla, tal-Gżira. Imma f'nofsha fiha tarag wiesa', jinżel 'l isfel, għal ġewwa kripta. Il-kripta fiha artal, u wara l-artal, kollu tal-ħġieġ, li jħares lejn tlugħ ix-xemx. Hi u tielgħa x-xemx il-kripta timtela bid-dija.

L-isbaħ ħaġa li fiha l-kripta huma l-ħitan tal-mużajk, imqassma f'erba' taqsimiet, u kull taqsima fiha xbieha ta' waħda mit-Trasfigurazzjonijiet ta' Kristu (il-ħames waħda qiegħda wara l-artal il-kbir, ta' fuq).

L-ewwel Trasfigurazzjoni, turi tliet Anġli bil-wieqfa, iħarsu 'l isfel, u Ġesù Bambin mimdud fuq il-ħaxix ħdejn riġlejhom. Din hi l-ewwel tibdila ta' Ġesù meta minn Alla sar bniedem. It-tieni tibdila, hi tliet Anġli wkoll, iħarsu 'l fuq, u l-Anġlu tan-nofs għandu f'idejh il-kalċi u l-Ostja. Dan ifisser it-tieni tibdila ta' Ġesù, meta minn bniedem u Alla sar xbieha ta' ħobż. Malħajt l-ieħor hemm, l-ewwel tliet Anġli oħra t-tnejn tat-truf iħarsu 'l isfel u tan-nofs iħares 'il fuq; ħdejn riġlejhom hemm ħaruf maqtul. Dan ifisser it-tielet tibdila ta' Ġesù, meta bħal ħaruf ħalla 'l min joqtlu għall-maħfra tad-dnubiet. Ir-raba' xbieha hi wkoll tliet Anġli, tan-nofs għandu taħt riġlejh tebut battal. Dan ifisser li Ġesù, minn mejjet sar mill-ġdid ħaj u tela' s-sema.

Għall-festa ta' fuq it-Tabor, fis-6 ta' Awissu, mill-bliet kollha tal-Galilija, imorru ħafna nies. L-aktar li jmorru Kattoliċi, imma jkun hemm ukoll Griegi Xismatki u Misilmin. Il-Lhud għamlu triq bl-asfalt minn Nazaret għal fuq it-Tabor, u huma nfushom, bil-karrozzi tagħhom, iġorru n-nies. Il-kotra tan-nies joqogħdu fuq it-Tabor jumejn; mill-5 tax-xahar fil-għodu sas-6 wara nofs in-nhar. Fuq it-Tabor hemm ħafna siġar, u n-nies joqogħdu taħt is-siġar, isajru u jieklu hemm, idoqqu u jiżfnu u jgħannu, u waqt il-knisja, imorru l-knisja. Lejlet il-festa jkun hemm l-Għasar kantat, b'ħafna ilħna, u l-għada fil-għodu quddiesa kbira u priedka bil-Għarbi. Ikantaw il-Franġiskani, li l-knisja hi tagħhom, u t-tfal ta' li "Schola Cantorum" ta' Nazaret, li għall-ħlewwa ta' leħenhom ma jiksirhom ħadd.

Hekk mela hi l-knisja, u hekk issir il-festa, fuq il-post sewwa fejn ġrat it-Trasfigurazzjoni fuq il-muntanja tat-Tabor, fil-Galilija.

FRA ŻARENU, O.F.M.



**L-Anġli tal-Mużajk, fil-ġenb tal-lemin, fil-Kripta tal-Bażilka tat-Tabor.**

# L-ISKOLA TA' GĦAJN KAREM

Fit-tielet ħarġa tal-Ewwel Sena ta' dan il-ktejjeb, kont għedt kif wasalt Ġerusalem, nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għaxija, tas-sena 1920. Il-lum sa nikteb xi ħaġa fuq l-ewwel żmien li għaddejt il-Palestina, jew aħjar, fuq l-iskola ta' Għajn Karem, fejn kont ngħallem l-Ingliż għall-ewwel żmien li mort hemm.



**PALESTINA. — Ir-raħal ta' Għajn Karem. Id-djar li jidhru quddiem qishom kollha tal-Misilmin. Fix-xellug jidhru l-kanpnar u l-kor tal-Franġiskani, li warajhom qiegħda l-iskola. Il-kanpnar iż-żgħir, fil-lemin tar-ritratt, huwa tal-knisja ta' Santa Liżabetta, tal-Franġiskani wkoll. Id-djar qalb is-siġar, u l-kanpnar l-ieħor żgħir, fin-nofs tar-ritratt, hija l-Kolonja Russa, tad-Djakonessi, jew sorijiet**

Kont għedt dik id-darba, min għadu jiftakar, li kif wasalt Ġerusalem, mort sibt lil Fra Elija, Malti, mill-Mellieħa, fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, kif konna miftehmin. L-għada li wasalt jien, Sibt il-Għid, iġġieldu l-ewwel darba l-Għarab u l-Lhud. Sibt il-Għid, wara nofs in-nhar, Fra Elija ried jeħodni nara l-Ġetsemani. Kif ħriġna fil-misraħ żgħir ta' quddiem il-Bażilka, wieħed raġel saqsieni: "Ma għandekx tarbux? Aħjar tilbes tarbux, għax jaħsbuk Lhudi u jisparaw għalik." Jiena ma kontx għadni nifhem il-Għarbi sew, u saqsejt lil Fra Elija x'kien qal. Meta fissirli għedtlu: "Jien m'hux miegħek inkun? Jarawni miexi ma' wieħed Franġiskan jagħrfuni li jien nisrani."

Imbagħad ħriġna minn bieb żgħir għat-triq (għax il-misraħ tal-Bażilka donnu bitħa, u fih żewġ bibien) u rajna suldat Indjan wieqaf jispara bl-azzarin għal bgħid, għandu jkun għal

ġewwa xi tieqa. Ma' dwaru kien hemm xi erba' jew ħamest irġiel. Wieħed minnhom resaq fuq Fra Elija u saqsieh: "Fejn intom sejrin?"

"Inżuru l-Ġetsemni," wieġbu Fra Elija.

"Hawn wara, fin-niżla," reġa' dak "hemm raġel maqtul bi msarnu barra. Qiegħed ngħidilkom biex meta tarawh ma tinqatgħux."

Jiena bniedem maqtul qatt ma kont rajt (u għadni ma rajtx sal-lum, għad li l-gwerra kollha kont hawn Malta), u anqas ridt nara. Għal hekk għedt lil Fra Elija: "Tridx ma mmorru xejn illum? Il-Ġetsemani ma nilħaqx narah xi darb'oħra?"

"Huwa aħjar," wieġeb Fra Elija, għal hekk irġajna lura u ma morna xejn.

Xi jumejn wara Fra Elija ħadni nara d-Dejr il-kbir tal-Franġiskani, San Salvatur. Il-Kustodju, Patri Diotallevi, dik il-ħabta kien Ruma, u floku



**PALESTINA.** — **L-iskola ta' Għajn Karem, fl-1920. Il-bieb ta' l-Iskola hu dak ta' fuq il-mina, wara l-ħadid. It-tabella ta' fuq il-bieb fiha salib tat-Terra Santa u ma' dwaru miktuba: "Schola Parochialis Puerorum". Isfel tidher il-bitħa fejn jilgħabu t-tfal u fix-xellug il-ħadid tat-taraġ fejn kien joqgħod "Elsie" jindukrahom. Taħt it-taraġ hemm kappella qadima bil-mużajk b'kitba li tgħid li hemm jinsabu l-Iġsma tal-Martri. Ma jafux dawn il-Martri min huma. Il-bini li jidher kollu tas-seklu XII.**

kien hemm Patri Awrelju Marotta, il-President. Kif rani saqsa lil Fra Elija min kont. Qallu li kont Malti u mort inżur it-Terra Santa. Saqsieh jekk kontx naf l-Ingliż, u wieġbu li iwa. Qallu: "Ara jridx jibqa' hawn jgħallem l-Ingliż f'xi skola minn tagħna, għax m'għandniex biż-żejjed surmastrijiet." Fra Elija fissirli u jien mill-ewwel għidtlu iwa. Li nibqa' l-Palestina, il-pajjiż ta' Ġesù, kienet l-aktar ħaġa li kont nixtieq.

Għal hekk ftit jiem wara Fra Elija ħadni Betlehem, bil-mixi, bgħid minn Ġerusalem ħamest imjiel. Hemm qagħdna jum, u rajna kull ma hemm x'tara, u l-għada tlaqna lejn Għajn Karem, bil-mixi wkoll.

Minn Betlehem sa Għajn Karem, il-mixja hija ta' ħames mili oħra, triq kollha wegħra, jew aħjar, trejqiet u mogħdijiet. Kien wara nofs inhar. Għaddejna minn taħt Bejt-Ġagħla u bqajna sejrin u qsamna Wadi Henija u tlajna fuq ġebel għoli, u rajna lill-Għajn Kmaer taħtna. Inżilna minn hemm u morna lejn ir-raħal u dħalna fih u ġbidna lejn id-Dejr.

Għajn Karem huwa raħal żgħir u sabiħ, imkennen qalb l-iġbla; fih żewġ ħarât, il-ħâra tal-Insara u lħâra tal-Misilmin. Tal-Misilmin magħmulha minn ħafna djar qrib xulxin u misraħ żgħir f'nofshom, kollu trab u ħmieġ tal-bhejjem; u tal-Insara bħal triq (għedt bħal, għax id-djar fiha qegħdin fuq naħa waħda) li f'tarf minnha hemm id-Dejr il-kbir, tat - Twelid ta' San Ġwann, u f'tarf ieħor id-Dejr iż-żgħir, ta' Santa Liżabetta. L-Insara għandhom ukoll xi djar ġewwa l-egħlieqi, fuq ir-riħ ta' din it-triq. Fil-ġenb ta' dit-triq hemm l-għajn li minnha r-raħal ħa l-isem.

Kif dħalna d-Dejr il-Patri Gwardjan ta' hemm laqagħna u għajjat lil Patri Marku Sammut, Malti ta' Port Said. Hekk fhimt għaliex kienu bagħtuni f' dak ir-raħal u m'hux x'imkien ieħor. Għax billi kien hemm Patri Malti, għall-ewwel, kont nista' nitwennes bih.

Il-Patri Gwardjan, Spanjol, jismu Parti Josè Montero feraħ meta rani, għax huwa wkoll kien jixtieq jitgħallem l-Ingliż. U kien hemm waħda Soru, Suor Ippolita tgħallem il-bniet, li riedha titgħallem l-Ingliż ukoll. L-għada għamilli bħal naqra ta' eżami, biex jara kontx naf l-Ingliż ta' bil-ħaqq. Kien hemm soru oħra hemm, għal ftit żmien, Suor Maria Palmina, li l-Ingliż kienet tafu. Ħadni nitkellem ftit magħha, biex wara tgħidlu jekk kontx naf l-Ingliż tajjeb jew le. Hu ma qallix li ħadni għal hekk, imma jien mill-ewwel intbaħt.



**PALESTINA. — Il-knisja l-oħra ta' Għajn Karem, fejn il-Madonna marret iżżur lil Santa Liżabetta, fejn tispiċċa t-triq ta' l-Insara.**

Għal hekk jien kelli fil-għodu ngħallem siegħa lil Patri Gwardjan, imbagħad sagħtejn lit-tfal. Wara nofs inhar,

saghtejn lit-tfal u siegħa lil Suor Ippolita dik li semmejt fuq.

L-iskola kienet skola tal-isem — skola ta' żmien it-Torok. Żewġ kmamar kbar, twal u dojoq, miksija bil-ħaġar tal-franka, kollu xquq. Il-bankijiet twal, miżbugħin suwed, u mqegħdin mal-ħitan. It-tfal ukoll kienu ftit: xi sittax-il wieħed, l-akbar ta' xi tnax-il sena u l-iżgħar ta' xi sitt snin. Waqt li jien ngħallem f'kamra, kien hemm ajk Gharbi, Fra Silvestru, jgħallem f'oħra, imbagħad ninbidlu jien immur f'dik u hu jiġi f'din. Imbagħad ilkoll f'daqqa kien jgħallimhom id-Dutrina wieħed qassis Sirjan, Abuna Għabd-il-Messieħ Zahra, li kien jagħmilha ta' Direttur.

Għall-ewwel ix-xogħol sibtu iebes, għax ma kontx għadni naf il-Għarbi. Kont naf ftit kliem li tgħallimtu Malta, mis-suldati li ġew minn Lixandra, meta kont fl-R.M.A. Imma mbagħad ġejt f' tiegħi, kif sa ngħid hawnhekk.

Il-qassis Sirjan kien qalli li t-tfal ma kenux jisimgħu minni għax qatt ma kont insawwathom, imma nqegħdhom għar-rkubtejhom biss. Issa jien kont għamilt ħbieb ma' wieħed Sqalli, Fra Giuseppe Caperaro, il-ħajjat. Darba waħda kif kont nitħaddet miegħu fil-kamra tal-ħjata, jew kif igħidulha hemm "kommunità", fettilli ninżel minn taraġ għal ġewwa kantina. Ma kenitx kantina, imma spiżerija qadima, u kellha bieb għal barra, imma jien ma kontx naf. Hemm kien għad hemm għadd ta' kwiez tad-duwa u qratas bit-trab u kaxex bil-pilwli. Kien hemm ukoll qatiegħ bagalji qodma tal-Franġiskani li jmutu u ftietaq oħrajn. Fosthom sibt "dixxiplina" u kurbaġ, jiġifieri sawt tal-barrin. Tlabthom lil Fra Giuseppe u tahomli u ħadthom l-iskola miegħi. It-tfal id-"dixxiplina" ma beżgħux wisq minnha, imma għamlu l-mewta tagħhom meta raw il-kurbaġ. Għax taf kemm kien iwaġġa'! Ħwejjeġ tal-għaġeb. Jien ġarrabtu fuq sieqi, l-ewwel. Tajt daqqa żgħira bih u domt inħossha m'hux ftit.

Is-sawt ma ħaddimtux ħlief xi darbtejn, imma bid-dixxiplina lit-tfal bdejt insawwathom kull jum. U bdejt ukoll lil dawk li ma jitgħallmux insakkarhom ġewwa l-iskola f'nofs in-nhar, biex jibqgħu bil-ġuħ. Malajr qagħdu qagħdhom! Hekk ix-xogħol beda miexi tajjeb ħafna. Bagħatt ġibtilhom kotba ġodda minn Ġerusalem, qatgħa bl-Ingliż biex tfissirha bil-Għarbi, u qatgħa bil-Għarbi biex tfissirha bl-Ingliż. U kif huma kienu jitgħallmu l-Ingliż, jien kont nitgħallem magħhom, naqra u nitkellem, bil-Għarbi, u morna tajjeb wisq.

Għedt li t-tfal tal-iskola ta' Għajn Karem kienu xi sittax-il wieħed. Qishom kollha għadni nġibhom quddiem għajnejja, u għadni niftakar isimhom ukoll. Kien hemm tliet aħwa, ulied il-ħallaq, jiġifieri l-parrukkier, jisimhom Sliman, Ħabib u Fadal-Alla. Żewġt aħwa oħra, Peter u Fredric Rock (kunjomhom sewwa kien Ruk, bil-Għarbi imma missierhom bidlu meta kien l-Iskozja). Tnejn oħra, aħwa wkoll, Ħabib u Rafful. Żewġ tewmin, li daqs kemm kienu jixxiebħu qatt ma stajt nitgħallem min kien jismu Franġisk u min Anton. Ieħor ta' xi tmien snin. jismu Ġirġes (kellu rasu kbira, u darba daħħalha fix-xatba tal-ħadid u ma satax jaqlagħha. Kellhom jaqtgħu l-ħadid Miet ftit wara li tlaqt jien. Mar fuq il-għajn u xxarrab ghasra u baża' jgħid lil ommu. Raqad bil-ħwejjeġ imxarbin u marad u miet). Ieħor jismu Għejsa, li ftit wara mar Ġerusalem, l-iskola tal-Freres. Wieħed jismu Franġisk, jgħidulu ċ-Ċlis, u ieħor jismu Hanna, ulied l-aħwa ma' ta' Rock. Wieħed jismu Stefan u ieħor Għafif, u l-aħħar, tifel Mislem, jismu Aħmed, iben il-mukri, jiġifieri dak li kien imur bil-ħmar,

jagħmel ix-xirja tal-Franġiskani minn Ġerusalem. Kien hemm ieħor, insejt ismu x'kien.

Issa sa naqbeż ftit f'ħaġa oħra.

L-ewwel semmejt id-"dixxiplina", li kienet ta' xi raħeb li miet. U xi tkun id-"dixxiplina", u għal fejn tiswa sa ngħid hawnhekk.

Ir-rħieb Franġiskani, il-Palestina (hawn Malta ma nafx) isawtu lilhom infushom kull nhar ta' Ġimgħa fil-għaxija bid-"dixxiplina". Id-"dixxiplina" tkun donnha frosta qasira, b'xi ħames biċċiet rumnell marbutin fiha, jiebsin u rqaq. Ta' Għajn Karem kienu jagħmluha fil-kuritur ta' ħada l-kor. Naf għax wieħed żagħżugħ Għarbi, jismu Milad, li kien jaħdem hemm, u jien, ġie li tlajna t-taraġ u qagħdna nisimgħuhom. Kif joħorġu mill-kor, joqogħdu għarrkubtejhom bgħid minn xulxin u jitfu d-dawl. Jerfgħu ċ-ċoqqa u jxammru l-qalziet ta' taħt (il-qalziet tagħhom ikun wiesa' u qasir, għax rajt minnhom minxura) u mbagħad jibdew jagħtu fuq wirkejhom. Jibdew jgħidu: "Miserere mei Deus, secundum magnam misericordiam tuam!", u jagħtu: ċlaq, ċlaq, ċlaq! Wieħed minn dawk ta' Għajn Għajn Karem kellu dixxiplina tal-ħadid, għax kien jistama' l-ħoss tagħha. Aktarx kien Patri Juan Vano, Spanjol xiħ, għax kienu jgħidu li hu qaddis. U tassew, qatt ma kien joħroġ barra, anqas joqgħod jitħaddet mal-oħrajn. Ilħin kollu jew fiċ-ċella jew fil-kor. U ġewwa l-kor miet, ukoll. Waqa' u miet għal għarrieda waqt il-meditazzjoni. Imma issa nerġgħu naqbdu fuq l-iskola, għax inkella ma neħelsu qatt.

L-aktar ħin li kont inkun għal qalbi, kien meta t-tfal kienu jkunu jilgħabu, fil-bitħa, fin-nofs siegħa ta' bejn it-tagħlim. Il-bitħa kienet bejn l-iskola u l-knisja. Jien kont noqgħod bil-qegħda, naqra, fuq it-taraġ tal-knisja, jew wieqaf mal-ħadid ta' bejn iż-żewġ turġien, u ngħassishom li ma jiġġieldux, Imma kollox darba jew oħra irid jasal fit-tmiem tiegħu, kif sa ngħid ukoll hawn.

Darba waħda, dħul is-sajf, wara nofs inhar, kif kont naqra u t-tfal jilgħabu quddiemi, nisma' ħoss ta' mixi ta' xi ħadd bil-qorq. Kien raħeb Franġiskan, li resaq ħdejja u sellimli. "Dawn huma t-tfal kollha tal-iskola? saqsieni.

"Dawn kollha," weġibtu jien.

"Kif int sejjer magħhom?" raġa' hu.

"Tajjeb wisq," weġibtu. "Għall-ewwel iddejjaqt u kont sa nitlaq, imma issa kollox sewwa."

"Moħhom tajjeb xejn? Jitgħallmu?"

"Qishom kollha moħhom tajjeb", għedtlu jien. "Għandna kotba bl-Ingliż u bil-Għarbi ġebnihom minn Ġerusalem u bihom jitgħallmu ħafna. Meta ġejt hawn jien, bilkemm kienu jafu l-a,b,c, u issa jaqraw tajjeb, jiktbu bi żbalji ftit u xi żewġ kelmiet bl-Ingliż igħiduhom ukoll. Stenna, ħalli tara b'għajnejk."

Kien hemm Stefan, wieħed mit-tfal, bil-qumbas miftuħ, jiġri u jbażża' lil sħabu b'wiżgħa jew gremxula x'kienet, mejta, imdendla minn denbha, bejn subgħajh. Għajjattlu. Rema l-wiżgħa u ġie.

"Why do you open your coat in that way?" saqsejtu jien.

"Is very hot, my teacher," weġibni.

"Surely you feel hot when you run like that." għedtlu. "Now look: go to the class-room and bring me that green book I was reading this morning. Quick!"

Stefan telaq jiġri bil-qumbas iferfer warajh u tala' t-taraġ u daħal l-iskola. Wara naqra ttawwal minn ħada l-bieb u għajjatli: "My teacher, I cannot find it. Is not here!"

"Surely it is there!" għedtlu. "It is in my desk, under that piece of cardboard!"

It-tifel daħal fil-klassi u wara ftit niżel jiġri t-taraġ bil-ktieb f'idu u ġie ħdejja u tahuli. "Hux minnu li għidtlek jien?" saqsejt lil Franġiskan.

"Peccato che sei perduto qui," qalli. U sellimli u dar u raġa' tala' 'l fuq.

Għaddew ftit tal-jiem u ġie sabni Patri Montero. Qalli: "Kitibli l-Patri Kustodju. Wara l-eżami jridek tmur tgħallem Ġerusalem. Hemm ma jaqbillekx, għax hemm ħafna xogħol. Hemm tmenin tifel fl-iskola ta' ġewwa, u fl-iskola ta' barra ma nafx kemm. Tridx nibgħat ngħidlu li trid tibqa' hawn?"

"Jekk iriduni Ġerusalem, irrid immur," weġibtu jien. "Hemm jinsab il-Qabar ta' Kristu, hemm il-Ġetsemni, hemm iċ-Ċenaklu, hemm il-Vija Sagra. Inkun nista' mmur inżurhom kull meta rrid. Jien, il-Palestina għal daqs hekk ġejt".

U hekk kien. Meta għadda l-eżami, sarrejt ħwejġi fil-bagalja u tlaqt. Mort il-Belt għażiża ta' qalbi; il-kalamita ta' ruħi; il-ħolma ta' żogħriti, jiġifieri Ġerusalem!

ELSIE.

# SANTA MARIJA F'ĠERUSALEM

Għid Tlugħ is-Sema tal-Madonna, il-Maltin iħobbuh wisq, ara kemm li sebat irħula f'Malta u tnejn f'Għawdex għandhom il-knisja l-kbira tagħhom imbierka b'dana l-isem. Għal hekk naħseb li l-qarrejja tagħna jħobbu jisimgħu xi ħaġa fuq kif jingħad li telgħet is-Sema sidtna Marija, u fuq kif inhu l-Qabar tagħha, u fuq kif dan il-Għid għadu jsir Ġerusalem, il-lum.

Li l-Madonna telgħet is-Sema bir-ruħ u l-ġisem wara mewtha, kien jingħad sa minn żmien l-Appostli. Imma m'ilux wisq insab ktieb tar-raba' mitt sena wara Kristu li jsmmi sewwa kif ġara dan. Jingħad f'dal-ktieb li sidtna Marija kienet toqgħod f'dar fuq il-għolja ta' Sijon, f'Ġerusalem, u drabi kienet tmur ma' san Ġwann fuq Gebel iż-Żejtun, fejn kienet rat l-aħħar darba lil Binha Ġesù qabel ma tala' s-Sema.

F'waħda minn dawn iż-żjarat, kif kienet titlob 'l Alla, Hi u san Ġwann, jinżel ħdejhom l-Anġlu Grabiel. Tagħha lil Madonna werqa xagħnina, jew **palma,** u qalilha hekk: "Din ix-xagħnina għandha tinġieb wara t-tebut tiegħek, b'egħliema ta' rebħa, għax inti ma ddumx ma tmut u tiġi tithenna b'Ibnek fis-sema". U kif l-Anġlu qal dan il-kliem, għab.

Wara ftit jiem il-Madonna sejħet ma' dwarha lit-tnax l-Appostlu, li dik il-ħabta kienu f'Ġerusalem. Ħabbritilhom li Hi kienet sejra titlaq mid-dinja. Farrġithom, wissiethom u berkithom, u għalqet għajnejha bħala f'nagħsa. Wara t-tnax-l-Appostlu ħaduha u qegħduha f'qabar fil-blat, il-qabar ta' niesha, li kien jinsab fil-Wied ta' Kedron, qrib Ġerusalem.

It-tnax, għalqu l-qabar u qagħdu għassa miegħu. Għal tliett ijiem kienu jisimgħu daqq u għana ta' ħlewwa kbira ħiereġ mill-qabar, imma fit-tielet jum dan id-daqq u l-għana siket. Stennew ftit biex jaraw jarġax jibda, imma meta raw li ma bediex, fetħu l-qabar biex jaraw x'kien ġara. Sabu l-qabar fieragħ, u ma kienx fih ħlief il-lożor u t-tebut. Telgħu lejn Sijon qalbhom sewda u kif kienu fid-dar, dehret f'nofshom il-Madonna u qaltilhom li kienet telgħet is-Sema bir-ruħ u bil-ġisem, bħal Binha Ġesù.

## Il-Qabar Tal-Madonna

Malli toħroġ mill-bieb ix-Xerqi ta' Ġerusalem (jiġifieri l-bieb li jħares lejn tlugħ ix-xemx) tgħaddi biċċa triq żgħira, wegħra, dejqa u mħarbta, u taqbad triq oħra, wiesgħa u nadifa, miksija bl-asfalt. Tinżel magħha lejn il-lemin u tasal fejn din it-triq taqsam il-wied. Meta tkun hemm warajk ikollok is-sur tal-belt, u quddiemek Gebel iż-Żejtun, jew il-*muntanja* taż-żebbuġ. Fi djul dal-ġebel, quddiemek ukoll, tara żewġ knejjes u żewġ djura, jew *kunventi*. L-eqreb dejr u knisja huma tar-Rħieb Franġiskani (tal-Ġetsemni) u ta' 'l fuq minnhom huma l-knisja ta' santa Maddalena u d-dejr tar-Rħieb Russi.

'Il fuq minn dawn, il-quċċata ta' Gebel iż-Zejtun, minn fejn Kristu tala' s-Sema. M'idek tax-xellug tara dar bla saqaf u naħa oħra, ġnien bis-siġar kbar, magħluq b'xatba tal-ħadid. Bejn id-dar ta' bla saqaf u l-bieb tal-ġnien, hemm taraġ li tinżel minnu għal ġewwa bitħa miksija bil-ħaġar, mieles bis-saqajn.

Quddiem it-taraġ sew, in-naħa l-oħra tal-bitħa, tara knisja qadima, nofsha mirduma. Għandha l-bieb tal-ħadid, oħxon, imdewwed bir-rjus tal-imsiemer kull musmar daqsiex. Ġewwa dik il-knisja jinsab il-qabar tal-Madonna.

Hemm qisu dejjem ikun hemm qassis Grieg bil-muftieħ f'idu, u jekk tgħidlu, jiftaħlek. Malli tidħol jagħtik xemgħa rqiqa mixgħula u oħra jkollu hu.



Ġerusalem. — Dehra ta' Ġebel iż-Żejtun, il-Ġetsemni u biċċa mill-Wied ta' Josafat, fejn jinsab il-Qabar tal-Madonna. (Il-Qabar tal-Madonna jinsab wara s-siġar li jidhru fix-xellug, isfel, tar-ritratt. Il-knisja bil-kolonni, fil-lemin, hija l-Bażilka tal-Ġetsemni li fiha ssir il-Quddiesa Kbira f'Santa Marija. Is-siġar filġenb tal-knisja, imdawrin b'ħajt, huma t-tmien żebbuġiet xjuħ gfall-aħħar, fil-Ġnien tal-Ġetsemni. Fuq, ir-raħal taż-Żejtun, minn fejn Kristu tala' s-sema).

Tinżel ma' taraġ wiesa' u twil, u ssib ruħek f'dalma taqtagħha b'sikkina. La tara ħitan, la art u la saqaf: tara l-lsien tan-nar tax-xemgħa ta' f'idek biss. Imbagħad għejnejk jidraw, u tibda tilmah xi dwal inemnmu, ħodor u ħomor, innaħa tal-lemin, 'il ġewwa. Meta tmur dik in-naħa tara artal imżejjen bil-ward u x-xama' u ma' ġenbu bieb żgħir li trid tidħol minnu mbaqqa'. Kif tidħol issib ruħek ġewwa bħal girna, b'ħitan-

## Kif Isir il-Għid

Il-festa ta' santa Marija, in-nies tal-Palestina jgħidulha Intiqâl il-Għadra (it-**trasportazjoni** tal-**Verġni**). Sbieħ il-15 t'Awissu, Għid l-Intiqâl, l-Insara ta' Ġerusalem jibdew neżlin lejn il-knisja qadima, nofsha mirduma li semmejna moqbejl. Hemm ma' ġenbha, hemm Għar, magħmul knisja, tal-Franġiskani, f'tarf ta' donnu sqaq dejjaq, li jinfed



**Ġerusalem. — Faċċata u bieb tal-Bażilka taħt l-art, fil-Wied ta' Josafat fejn jinsab il-Qabar tal-Madonna, Mibnija mis-Salibin, fis-seklu XII, fuq knisja oħra tas-sekluV.**

ha miksija bid-damask aħmar, imħażżeż u mżejjen bil-ħajt tad-deheb. Quddiem il-bieb sewwa, artal żgħir miksi bir-rħam. Dan huwa l-qabar tal-Madonna.

Din il-knisja b'kull ma fiha qegħda f'idejn il-Griegi, għad li sa ftit fuq il-mitejn sena ilu kienet tal-Franġiskani, u kienu xtrawha minn għand is-Sultan tat-Torok, bil-flus. Il-Griegi bit-taqriq u tixħim, ħaduhielhom. Issa l-Franġiskani ma għandhom xejn fiha għajr il-jedd li jidħlu darba fis-sena jżuruha u jgħidu hemm, għalanija, ħames Missernijiet.

mal-bitħa, u ġewwa fih ikun hemm il-quddies. Ebda midbaħ jew artâl ma jkun battâl, imma fuq kull wieħed ikun hemm raħeb jew qassis, iqaddes jew iqarben. Fir-rkejjen tal-Għar, bil-qegħda fuq xi siġġu, u drabi fuq xi ħaġra, ikun hemm ir-rħieb iqarru. Ġewwa u barra l-Għar mammuna kbira ta' nies, min dieħel u min ħiereġ, u min fil-bitħa wieqaf jitħaddet. Il-bitħa u t-triq ta' fuqha, nemmelija waħda: nies jimxu u Għarab ibiegħu l-kagħak u l-bajd mgħolli jiebes, ħelu, xama' u xbieħat tal-qaddisin.

Għal xit-tmienja tasal il-**Banda An-**

**toniana** tal-Insara ta' Betlehem. Ikunu l-koll lebsin bħal xulxin: libsa sewda bil-buttuni, jew żrier tal-fidda. Ma' tul il-qalza, in-naħa ta' barra, minn fuq s'isfel, ħazz irqiq aħmar, u f'rashom ikollhom tarbux aħmar. In-nies ta' Betlehem qishom kollha sbieħ, u l-lbies jixirqilhom ħafna. Il-Banda ddoqq aktarx marċijiet biss, għax il-Għarab ma jifhmux fil-mużka Ewropeja, għal hekk il-marċijiet l-aktar li jħobbu. Għad-disa' tibda l-quddiesa l-kbira, m'hux ġewwa l-Għar, għax ma hemmx wisq wisa', imma ftit 'il fuq, fil-Bażilka l-kbira tal-Ġetsemni, bgħid mill-Għar tefgħa ta' ħaġra. Hi knisja ġdida u sabiħa, li m'hux mijiet, anqas eluf, imma miljuni ta' liri swiet. Il-quddiesa titkanta mir-Rħieb u t-tfal iltiema, li qegħdin irabbuhom il-Franġiskani. M'hux meħtieġ ngħidu kemm tkun sabiħa, dil-quddiesa, la darba jkunu ilhom jitħejjew għaliha x-xhur. Dik il-fwieħa ta' ward, dawk id-dwal imżewqa, dawk l-ilħna rqaq u rotob tat-tfal, dak is-skiet u l-ġabra, tisthajlek qiegħed il-ġenna, mal-Anġli u l-qaddisin.

Wara l-quddiesa, ikun hemm il-Barka, bil-Qurban Imqaddes, ftit daqq ieħor fil-beraħ mill-"Banda Antoniana", imbagħad in-nies tixtered, u kull ħadd imur lejn id-dar.

Barra minn dan, isir Għid ieħor f'dal-jum in-nifsu fil-knisja tar-Rħieb Benedittini Ġermaniżi, fuq il-għolja ta' Sijon, fejn kienet id-dar li mietet fiha l-Madonna. Hemm, l-Abbati tal-Benedittini jqaddes Pontifikal u fil-quddiesa jkantaw irġiel u nisa Ġermaniżi, m'hux Irħieb u tfal, bħal ma jagħmlu l-Franġiskani fil-knisja ta' Kedron. Imma għal quddiesa tal-Ġermaniżi ma jmorrux nies wisq, bħal ma jmorru għall-oħra, tal-Franġiskani, fil-Bażilka tal-Ġetsemni.

Hekk issir mill-Kattolki l-festa ta' santa Marija, f'Ġerusalem, qrib il-Qabar tal-Madonna. Festa żgħira, bla spârar u bla bandieri u bla mixegħla, imma, kont sa ngħid, aktar għażiża minn ta' Malta, għax hemm tiftakar li huwa l-**post** jew l-imkien, li minnu sidtna Marija telgħet is-Sema ta' bil-ħaqq.

FRA ELIJA.

---

## IĠ-ĊAGĦKA

Kien hemm raġel li meta kien jiġi d-dar mix-xogħol, il-mara kienet toqgħod bil-qegħda ma' ġenbu u taqbad titħaddet miegħu u tgħidlu fuq kull ma tkun għamlet ma' tul in-nhar, u meta kien jgħidilha biex tmur issajjar, kienet tgħidlu jistenna ftit ieħor, u ħafna drabi kien imur jorqod mingħajr ma jiekol, daqs kemm kien ikun għajjien, u għal dan kienu qishom kull jum jiġġieldu.

Darba waħda l-mara marret tqerr u qaltlu lil qassis fuq din il-biċċa. U bħala tewba ta' dnubietha, il-qassis qalilha ssib ċagħka mielsa minn ġewwa l-wied, u malli r-raġel iħabbat il-bieb u jidħol fil-għaxija, tqiegħed iċ-ċagħka f'ħalqha, biex jekk tkun trid titkellem ma tistax, u ma tneħħihiex qabel ma tkun sejra torqod.

Hekk għamlet il-mara u malli daħal ir-raġel mix-xogħol, qegħdet iċ-ċagħka f'ħalqha u ma kellmitu xejn qabel ma marru jorqdu, u ma qaltlux x'kienet il-biċċa. Hekk reġgħet għamlet il-għada u l-jum ta' wara u baqgħet sejra tagħmel hekk xi ġimgħa. Ir-raġel ma felaħx għal dak is-skiet kollu, u beda jsaqsieha u jarġa' jsaqsieha. Fl-aħħar besqet iċ-ċagħka minn ħalqha u qaltlu. "Mela," "weġibha r-raġel, "miegħek, hekk jew hekk ikolli nbati. Jew inbati bil-għuħ, jew inbati bis-skiet".

# AĦBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Kitba fuq Qumrân.** — Dr. C. Burchard, raġel għaref Ġermaniż, qal li mis-sena 1948 sas-sena 1956 kienu ħarġu 1556 ktieb fuq is-sejbiet tal-għerien u tal-ħirba ta' Qumrân (dawk li aħna wkoll ġibna xi ħaġa fuqhom) qrib il-Baħar il-Mejjet. Ma' tul dan iż-żmien, qal ukoll dan il-għaref, inkitbet kotra bla għadd ta' artikli f'gazzetti u rivisti, f'mill-anqas 22 ilsien.

**Taħdita Arkeoloġka.**—Fis-sala l-kbira tal-Mużew tal-Antikità li jinsab qrib Ġerusalem il-Qadima( sehem tal-Għarab) saret taħdita mid-Duttur Karlu Nemes, li hu membru tal-Istitut Xerqi tal-Università ta' Chicago It-taħdita kienet fuq il-Fargħuni ta' Thebes il-Qadima, fl-Eġittu. It-taħdita kienet tajba għall-aħħar u kien hemm jisimgħuha tista' tgħid in-nies kollha tal-iskola ta' Ġerusalem il-Qadima.

**Ġerarkija Qopto-Kattolka.** — Il-għadd 6 tal-Qari: "Leħen in-Nil" im-xandar mill-Qoptin Kattolki tal-Eġittu, hu qisu kollu fuq it-twaqqif u t-tisħiħ tal-Ġerarkija Qopto-Kattolka ta' dak il-pajjiż. F'dan ix-xogħol kellhom sehem kbir l-ewwel il-Franġiskani tal-Qabar ta' Kristu u wara l-Franġiskani l-oħrajn, tal-Missjoni tal-Eġittu ta' fuq. Fl-1720 kien hemm ħamsa min-nies biss Qopti-Kattolki. Fl-1747 saru 2,351; fl-1880 żdiedu sa 5,000. Fl-1936 saru 5,559. U issa huma 75,048. Kif jidher iż-żjieda tal-Qopti-Kattolki d e j j e m għaddejja 'l quddiem. Il-għadd tal-Qari li semmejna huwa mogħti lil Bejatitudni Tiegħu Mons. Murkos II, li hu Patrijarka Qopti ta' Lixandra, li ilu Patrijarka issa għaxar snin.

**Il-Qniepen ta' Mess il-Ġebel.** — Fil-gwerra ta' bejn il-Għarab u l-Lhud tas-sena 1948, l-Insara kollha li kien hemm fir-raħal jismu Mess il-Ġebel, fil-Galilija ta' fuq, ħarbu lejn Libnân u ħallew djarhom u kull ma kellhom. Ħallew ukoll il-knisja tagħhom bil-qniepen b'kollox. Issa l-kappillan tar-raħal jismu Marġ-Għajjun, fejn issa jinsabu dawk l-Insara, talab lill-Kummissjoni tal-Armistizju biex dawk il-qniepen jinbagħtu lill-sjiedhom l-Insara fit-turufnament tagħhom. Il-Lhud semgħu t-talba u sejrin jibgħatuhomlhom.

**Arkeolgi Taljani fil-Palestina** — It-Taljani għonja tal-belt ta' Milan aktarx jibgħatu xirka ta' nies taħt it-tmexxija tal-Professur Dell'Amore biex jikxfu l-fdal tal-belt jisimha Kajsarija-Filisti fuq xatt il-baħar fejn kien jgħammar il-Prokuratur Ruman tal-Lhudija għal ħabta ta' żmien Kristu. Il-belt kienet mibnija f'għamla Rumana minn Erodi x-Xiħ u kienet mogħnija b'kull xorta ta' ġmiel magħruf dik il-ħabta. Il-Ħakma Lhudija wegħdet lit-Taljani li f'dan ix-xogħol tagħtihom kull għajununa li jkunu jeħtieġu.

**Il-Għammâra ta' Israel** — Ingħad li sal-aħħar tas-sena l-oħra (1957) il-għadd tal-għammara ta' Israel kienu ta' miljun, u disa' mija u seba' u sittin elf (1,967,000). Fost dawn, miljun u seba' mija u sittin elf (1,760,000) huma Lhud. Il-poplu żdied f'sena b'103,000. Ingħad ukoll li fl-art ta' Israel kollha titwieled tarbija kull minuta, u minn kull erba' trabi li jitwieldu, tlieta jkunu Lhud u waħda Għarbija.

**Fabbrika tax-xaqaq f'Nazaret.** — Kumpanija tal-insiġ Italo-Svizzera talbet lil Ministru tal-Kummerċ Lhudi li jħallihom jitfħu fabbrika tal-Insiġ fil-belt ta' Nazaret, fil-Galilija. Jekk issħħ, din il-fabbrika jkollha fejn tħaddem ħames mitt ruħ.

**Nies maqtula bil-karrozzi.** — Fit-taqsima tal-Palestina li jgħidulha Iżrael, matul l-aħħar disa' xhur tas-sena li għaddiet 1957, inqatlu bil-karrozzi 163 ruħ, u ndarbu ħafna 1400, u ndarbu ħafif 5,000. Dan ifisser li kien hemm 30 ruħ maqtula għal kull 10,000 karrozza; billi dan il-għadd huwa kbir wisq fejn ta' pajjiżi oħra, il-Ħakma Lhudija sa tara toħroġx liġijiet ġodda fuq is-sewqan.

**MALTA: wegħdiet mitmuma.** — Kapt. R. Mizzi bagħatilna żewġ liri biex itemm il-wegda li għamel mal-Madonna tad-Duluri ta' fuq il-Kalvarju, f'Ġerusalem. Wieħed ieħor li ma qalilniex ismu bagħat lira biex itemm il-wegħda mad-Duluri tal-Kalvarju. Nikolina Farrugia, mis-Siġġiewi bagħtitilna par imsielet biex jiddendlu fin-niċċa fejn tinsab id-Duluri tal-Kalvarju mal-wegħdiet l-oħra. Il-flus bagħatnihom Ġerusalem bil-posta, biex jintefqu għal ħtieġ u għaż-żina tal-artal tad-Duluri li semmejna, u l-par imsielet nibgħatuhom mal-ewwel Patri li jkun sejjer hemm minn Malta, biex jiddendlu ma' ġenb l-istatwa tal-Madonna, kif tixtieq dik li bagħtithom.

N.B. Kull min jaqla' xi grazzja bit-talb tal-Madonna tal-Kalvarju, nitolbuh li jgħarrafna biex inxandruha f'dan il-Qari, *ad majorem Dei gloriam*.

**Għall-Bażilka l-ġdida.** — Nazarenu Cutajar, Ġużeppi Attard u Maggie Zammit, it-tlieta minn Tas-Sliema taw lira kull wieħed għall-bini tal-Bażilka l-ġdida fuq id-Dar tal-Madonna f'Nazaret.

## IL-FAĦĦARI

Darba kien hemm wieħed Għarbi jismu Aħmed l-Imfaħħar Iben l-Imxaħħam. Dan kien sejjer, ma' ħafna nies oħra, minn belt jisimha Tadmor lejn belt oħra jisimha Għakka. Fit-triq kien il-ħin kollu jiftaħar li hu kien ġej minnisel ta' nies għonja u għorrief, mill-aħjar li hemm fost il-ġins tal-Għarab. U l-oħrajn kienu joqogħdu bis-sabar jisimgħuh.

Waslu ħada maqbra (jiġifieri **ċimiterju**) u dil-maqbra f'nosfha kien fiha bir li jixħtu fih il-għadam tal-mejtin. Innies marru jħarsu għal ġewwa dak il-bir u Aħmed l-Imfaħħar mar iħares ukoll. Fost il-għadam kien hemm ħafna rjus, u r-rjus uħud kienu bojod, għax id-deffiena kienu ħallewhom barra fix-xita, u l-oħrajn kienu somor, għax mal-li qalgħuhom mill-qabar kienu xeħtuhom fil-bir malajr.

"Ara", qalilhom Ahmed lin-nies ta' ma' dwaru, "saħansitra wara l-mewt in-nies jibqgħu jingħarfu. Ir-rjus tal-għorrief u tal-għonja bħal niesi huma bojod, imma r-rjus tal-ġaħlin (jiġifieri **injuranti**) u tal-foqra, huma somor!"

Telqu minn hemm u baqgħu jimxu u waslu ħdejn il-belt ta' Għakka, li hija mdawra bis-sur, u fis-sur fiha bieb. Fuq il-bieb tal-belt kien hemm ħafna riġliet bir-rjus tal-ħallelin imwaħħlin fihom, li kien qatilhom is-sultan u ħalliehom hemm, bħala mera lill-oħrajn. Ir-rjus kien ilhom hemm għal hekk il-għurâb kien naqqrilhom il-laħam kollu u x-xita ħaslithom, u saru bojod daqs is-silġ.

Għal hekk, resaq lejn Ahmed raġel minn dawk li kienu semgħuh jiftaħar u qallu: "Ahmed, ara dawk ir-rjus tal-ħallelin kemm huma bojod! Milli jidher dawk kienu kollha għorrief u għonja, bħal qraba tiegħek!"

# IL-KREDU

## PALESTINI

Nomen b'Ilaħ waħed, Ab dabet il-kull, ħaleq is-sema u l-ard, kull ma-jora u kull ma la jora. U bi Rabb waħed, Jesugħ l-Massiħ, Ibn Allaħ il-waħid. Il-mawlud minn il-Ab, qabel kull id-duħur. Ilaħ minn Ilaħ, nor minn nor. Ilaħ ħaqq minn Ilaħ ħaqq. Mawlud, għajr maħluq, musawi l-Ab fil-ġawħar. Illi biħu kan kull xej. Illi minn eġilna, aħna l-baxar,, u minn eġel ħalasna, niżel minn is-sema.

U tġessem, b'qawwet ir-Ruħ il-Qodos, minn Mirjam il-Għadra. U tennes u solob għalina, għal għaħed Bilatos il-Bonti, u tellem, u mat u qober. U qam fil-jum it-talet, ka ma fil-kotob. U sagħad ila s-sema u ġalas għal jemin il-Ab. U ajdan jeġi bi meġd għażim, li jdin il-aħja u l-amwat. Li la fena ila Molkih.

U bir-Ruħ il-Qodos, l-Muħajji, munbateq minn il-Ab u l-Iben. Li mal-Ab u l-Iben jusġed leħu u jmeġġed. In-nateq bil-Enbija. U bi knisja waħda, muqaddsa, ġemgħa, rasulija. U nagħtraf bi magħmudija waħda, bi maħfrat il-ħatajja, u nitraġġa qjamet il-mewta. U l-ħajja fid-deher il-aġi. Amien.

## MALTI

Nemmen f'Alla wieħed, Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art, kull ma jidher u kull ma la jidher. U f'Ġesù Kristu, sid wieħed, Iben waħdien t'Alla, milud mill-Missier, qabel kull żmien. Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla sewwa minn Alla sewwa. Imnissel, m'hux maħluq, xorta bħal Missier fis-*sostanza,* li bih kollox sar. Li għalina, aħna l-bnedmin, u għal ħelsien tagħna, niżel missema.

U ħa l-ġisem bil-qawwa ta' Ruħ il-Qodos, minn Marija *verġni,* u sar bniedem u ssallab għalina taħt Ponzu Pilatu,, u miet u ndifen. U qam fit-tielet jum, kif inhu fil-kotba. U tala' s-sema u qagħad f'lemin il-Missier. U jerġa' jiġi b'sebħ kbir, jagħmel ħaqq mill-ħajjin u l-mejtin. Li Saltnatu ma jkollha tmiem.

U b'Ruħ il-Qodos, sid u li jagħti l-ħajja, li ġej mill-Missier u mill-Iben, li mal-Missier u mal-Iben jissebbaħ u jinkabar. Li tkellem bil-*Profeti.* U bi knisja waħda, qaddisa, miġmugħa, *apostolka.* Nistqarr magħmudija waħda, b'maħfra tal-ħtijiet. Nitma fil-qawmа tal-imwiet u l-ħajja ta' dejjem. Amen.

***(Billi fil-Palestina hemm bosta xorta ta' Nsara, Griegi, Qopti, Sirjani, Armeni, Abbissini u Protestanti, li t-twemmin tagħhom ma hux xorta waħda bħal tal-Latini, il-Knisja tgħallem lill-Insara Kattolki il-Kredu t-twil, dak li jingħad fil-Quddiesa, li fih imfissra aktar fit-tul id-Dommi tal-Fidi.)***

**Qawl:-**

Aħfaż is-sadiq, wa law kan fil-ħariq. Aqbeż għal ħabib tiegħek, imqar kien fin-nar. Ħaġa li tassew jagħmluha il-Għarab. Jekk ikollok ħabib Għarbi jaqbeż għalik b'ruħu u ġismu u ssibu miegħek f'kull xorta ta' hemm.

Kien hemm raġel għama li kien dejjem jimxi fit-triqat u jitlob. Wieħed raġel ried iħenn għalih u jiġbru miegħu, imma qabel ried jara kienx jsitħoqqlu, billi jġarrbu jekk raġel sewwa jew le.

Għal hekk għamel ta' bir-ruħu li kien għama hu wkoll, u ħabat miegħu kif kien miexi u talbu jaħfirlu, u malajr għamlu ħbieb, u ftiehmu li jmorru jitolbu flimkien. Dak li kien għama ta' biċ-ċajt kellu ftit flus misrura f'mindil u talab lil ieħor biex iżommhomlu. Dak żammhom imma ġieħ ħsieb li jisraqhomlu, għal hekk staħba wara ħajt, bilħsieb li l-ieħor kien għama tas-sew u ma kienx jara fejn hu.

Il-għama biċ-ċajt meta ra x'għamel dak, beda jgħajjatlu biex jara jekk riedx jiċċajta. Imbagħad għajjat aktar biss-aħħa, u meta ma weġbux, qal: "Min jaf sieħbi ħassux ħażin? Ħalli nibda nwaddab il-ħaġar 'l hawn u 'l hemm, biex għalli jista' jkun nolqtu u jistembaħ!" Għal hekk, l-ewwel beda jwaddab il-ħaġar ma' ġenbu, imbagħad immiralu waħda għal rasu. Dak għajjat għajta u l-ieħor infexx jidħak, u qallu: "Agħtini flusi 'l ura, ja ħalliel; li kont raġel tajjeb, kont sa nieħdok id-dar toqgħod miegħi, imma la inti ħalliel, hawn ikollok tibqa' "

---

✝

# REQUIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

GĦARGĦUR: Carmela Diacono, Gius. Mifsud, Vit. Zarb, C.lo Zarb, And. Sammut, Giov. Zammit, Maria Briffa, Giov. Briffa, C.la Briffa, Carmelo Briffa, Giuseppe Aquilina, Maria Aquilina, Marianna Aquilina, Grazzja Aquilina, Andrea Fenech, Vittorio Bezzina, Berta Bezzina, Grazja Fenech, Paolo Bezzina, Annunziata Bezzina, Elena Bezzina, Angela Spiteri, Giorgio Bezzina, Maria Spiteri, Bertu Muscat, Berta Muscat, Carmelo Pace, Giuseppe Pace, Carmelo Schembri, Edoardo Schembri, Carmela Schembri, Maddalena Farrugia, Francesco Farrugia, Francesco Tanti, Eliza Tanti, Spiridione Esposito, Romano Borg, Carmelo Borg, Giovanni Borg, Willy Sperandeo,, Carmela Casha, James Brincat, Maisi Micallef, Carmela Micallef, Annunzjata Aquilina, Caterina Aquilina, Carmelo Micallef, Carmela Micallef, Tommaso Micallef, Elena Vella, Giuseppa Vella, Filomena Bezzina, Bertu Bezzina, Manwel Bezzina, Francesco Bezzina, Maria Fenech, Grezzju Fenech, Ġanni Fenech.

MISIDA: Carmelo Aquilina, Marianna Aquilina, Rosario Gili, Antonia Gili, Antonia Borg, Raffaele Borg, Maria Rizzo, Manwel Cauchi, Maria Cauchi, Vittoria Cauchi, Raffaele Vella, Carmela Vella, Riccardo Vella, Salvatore Vella, Spiridione Vella, Regina Bonnici, Giuseppe Lungo, Anthony Darani, Carola Darani, Marta Coleiro, Carmela Cordina, Manwel Cordina, Maria Bonavia, Felice Fenech, Michele Aquilina, Manwel Micallef, Carmela Micallef, Pawlu u Adriana Schembri, Marianna Schembri, Virginia Cassar, Michele

Cassar, Carlo Azzopardi, Pawlina Azzopardi, Carmelo Formosa, Mary Gregory, Giuseppa Formosa, Ludgarda Demicoli, Giuseppe Demicoli, Pawlina Zahra, Manwel Agius, Carmelo Agius, Francesco Agius.

## GĦAWDEX

XAGĦRA: Maria Grima, Carmelo Grima, Francesco Portelli, Angela Sultana, Francesco Attard, Maria Attard, Francesco Attard, Vittoria Bonello, Giuseppe Bonello, Carmela Sultana, Antonio Sultana, Maria Azzopardi, Menzja Sultana,, Giovanna Sciberras, Zolla Sultana, Giuseppe Sultana, Gerita Sultana, Maria Sultana, Salvatore Sultana, Carmelo Sultana, Maria Sultana, Rosa Galea, Giuseppe Galea, Marianna Sultana,, Michele Sultana, Bernardo Hili, Giuseppe Sultana, Giuseppe Said, Marianna Said, Pawla Sultana, Antonio Borg, Giuseppe Borg, Salvatore Cassar,, Carmela Cassar, Carmelo Hili, Salvatore Hili, Orsola Hili, Francesca Hili,, Antonio Hili, Giuseppe Vella, Carmela Vella, Concetta Sultana, Giovanna Vella, Francesco Vella, Anġlu Borg, Maria Sciberras, Giovanni Sciberras, Giuseppe Borg,, Michele Borg, Maria Borg, Modesta Borg, Michele Galea, Carmela Theuma, Giuseppe Theuma, Anġela Apap, Pasquale Saliba, Dun Ġorġ .Saliba, Paolo Galea, Filomena Galea, Giuseppe Stivala,, Elena Saliba, Vincenzo Saliba, Giovanna Sultana, Rosario Saliba, Marianna Sultana, Paolo Sultana, Rosa Attard, Salvatore Attard, Marianna Sultana, Bernardo Sultana, Emmanuele Sultana, Giuseppe Sultana, Maria Attard, Francesco Attard,, Teresa Grech, Carlo Grech, Publio Grech, Agostino Attard, Maria Grima, Francesco Grima, Luigi Bonello, Saveria Grima, Lorenza Mercieca, Carmelo Mercieca, Carmelo Grech, Publio Grech, Vittoria Mercieca, Marianna Buti, Caterina Borg,, Giovanna Borg, Rosa Borg, Francesca Borg, Vittoria Bonello, Giuseppe Bonello, Lorenzo Saliba, Michele Said, Filomena Bajjada, Giuseppa Sultana, Liberata Sultana, Carmelo Gauci, Maria Zammit, Luigi Zammit, Carmela Sultana, Giovanni Schembri, Lorenza Schembri, George Schembri, Marianna Sultana, Michele Sultana, Lorenzo Sultana, Giuseppe Galea, Rosa Galea, Angelo Galea, Rosa Sultana, Carmela Sultana, Vittoria Bonello, Giuseppe Bonello, Giovanna Saliba, Marianna Bajjada, Giuseppe Bajjada, Anna Azzopardi, Giuseppe Azzopardi, Angela Azzopardi, Giuseppe Butigieg, Maria Butigieg, Angelo Butigieg, Michele Theuma, Antonio Zammit, Lorenzo Curmi, Carmela Theuma, Carmelo Theuma, Carmelo Refalo, Elene Bruno, Lourdes Bruno, Oltem Bruno, Assunta Vella, Alfonso Bruno.

GĦAJNSIELEM: Salvatore Camilleri, Giuseppe Costa, Carmela Costa, Michele Cassar, Maria Cassar, Vincenzo Costa, Salvatore Costa, Loreto Refalo, Maria Refalo, Salvatore Refalo, Rosa Scicluna.

VICTORIA: Francesco Galea, Rosina Galea, Carmelo Pace, Lucrezia Pace, Caterina Pace, Dionisio Tabone, Teodoro Tabone, Giorgia Tabone, Giovanni Tabone, Antonia Tabone, Giammaria Farrugia, Maria Antonia Farrugia, Michelangelo Galea, Luigi Galea, Maria Butigieg, Tommaso Cutajar, Antonio Spiteri, Giorgia Spiteri, Marcello Butigieg, Adriano Cutajar, Giuseppe Cutajar, Lucia Cutajar, Angela Grech, George Grech, Clara Grech, Giuseppe Grech, Francesco Grech, Irene Grech, Regina Grech, George Farrugia, Salvatore Farrugia, Antonio Farrugia.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għażiż ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**